# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Seduta mizmuma llum, 17 ta' Mejju 2016**

**Rikors Numru: 309/2013 CSH**

**Charichelon Company Limited [C-14614]**

**vs**

**Amanda Greaves**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-4 ta' Ottubru 2013 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallasha s-somma komplessiva ta' sitt elef, erba' mija u seba' euro u hamsa u erbghin centezmu ta' euro (€6,407.45), liema somma hija dovuta minnha meta hija tterminat unilateralment l-impjieg taghha fl-erbatax ta' Dicembru, tas-sena elfejn u tnax (14.12.2012) u dan bi ksur tal-kuntratt tal-impjieg, hawn anness u mmarkat bhala Dok. A, liema kuntratt gie debitament iffirmat minnha fit-tnejn u ghoxrin ta' April tas-sena elfejn u ghaxra (22.04.2010), b'effett mis-sitta u ghoxrin ta' April tas-sena elfejn u ghaxra (26.04.2010) u dan ghal perjodu definit ta' erba' snin mid-data tal-kuntratt.

Illi minkejja li hija giet interpellata biex thallas l-ammont hawn fuq indikat, hija baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez kontra l-intimata, li minn issa hija msejjha in subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' Amanda Greaves li giet ipprezentata fis-6 ta' Novembru 2013 fejn eccepiet:

1. *"Preliminarjament in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ratione materie ta' dan l-Onorabbli Tribunal in kwantu ili kwistjonijiet bhal dawn huma vestiti esklussivament fil-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali kif jirrizulta mill-Artiklu 75 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta.*
2. *Illi sussidjarjament u bla ebda pregudizzju ghas-suespost l-intimata kellha ragunijiet validi u sufficjenti fil-ligi sabiex ma tkomplix fl-impjieg taghha mas-socjeta' rikorrenti.*
3. *Illi sussidjarjament u bla ebda pregudizzju ghas-suespost l-ammont kif reklamat mhuwiex dovut."*

Semghet lill-avukati tal-partijiet jittrattaw l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta u cioe' li din l-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni '*ratione materie'* u dan fis-seduta tat-8 ta' Jannar 2014 u jawtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha fuq l-ewwel eccezzjoni.

Rat is-sentenza preliminari li nghatat fit-12 ta' Frar 2014 fejn il-Qorti ddecidiet:

***"Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tichad din l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuta u tordna l-prosegwiment tal-kawza."***

**Colin Aquilina** xehed fis-7 ta' Mejju, 2014 fejn ikkonferma li Amanda Greaves kienet itterminat l-impjieg taghha mas-socjeta' attrici permezz ta' ittra li giet mibghuta lilhom, u effettivament ma kienitx hadmet il-perjodu tan-notice taghha u lanqas ma kienet ipprezentat ruhha ghax-xoghol. Fil-fatt l-ewwel kienet bdiet il-fazi li ma dahlitx aktar ghax-xoghol u sussegwentement baghtet ittra tar-

rizenja. Huwa spjega li huwa kien baghat e-mail lil Direttur iehor tal-istess kumpanija tas-socjeta' attrici fil-15 ta' Dicembru 2012 fejn kien infurmah li Amanda Greaves kienet effettivament abbandunat ix-xoghol, dan id-dokument gie mmarkat mill-qorti bhala Dokument Z. Huwa kkonferma li l-ittra tar-rizenja li kopja taghha tinsab inserita f'dawn l-atti u mmarkata bhala Dokument CSH a fol 13 kienu rcevewha fit-18 ta' Dicembru 2012.

Ix-xhud tenna li bhal kull impjegat iehor li jahdem maghhom illum il-gurnata, l-ewwel pass biex wiehed jibda jahdem maghhom huwa li tintbaghat CV. Effettivament il-konvenuta kienet baghtet CV u inizjalment kienet applikat biex tidhol tahdem fis-sezzjoni tal-insurance mas-socjeta' attrici. Huwa spjega li bhala parti mill-procedura biex bniedem jidhol jahdem maghhom, kull min imur ghal interview jinghata questionnaire u dan il-questionnaire huwa bbazat fuq numru ta' affarijiet li huma jkunu qed jistennew minghand l-impjegat. Huwa ghamel referenza b'mod partikulari ghaliex sema lis-sinjorina tixhed dwar il-pressure. Wahda mill-mistoqsijiet li jistaqsu fil-questionnaire hija: *Can you work well under deadlines or pressure?* U r-risposta taghha kienet: 'Yes at my previous job I was always under pressure and deadlines, so I feel comfortable'. Huwa esebixxa dan il-questionnaire li gie mmarkat bhala Dokument CA u spjega li effettivament Amanda Greaves dahlet tahdem maghhom bhala *makeup artist*.

Eventwalment hija marret ghall-interview. Hija pero' ma gietx accettata ghas-sezzjoni tal-insurance, u ghalhekk kienet baghtet email b'xi xoghol li kienet ghamlet bhala makeup artist, u fl-email kienet kitbet 'Please find attached some of my makeup work, I honestly do not have any certificates in beauty but makeup is my passion and I wish to grow in that career. I hope that you are willing to give me a chance and I am ready to go under training needed by your company'. Huwa esebixxa kopja ta' din l-email li l-Qorti mmarkat bhala Dokument CA1 flimkien ma' tliet ritratti mibghuta minnha stess li gew immarkati bhala Dokument CA2, CA3 u CA4 rispettivament.

Eventwalment iddecidew li jipprocedu b'kuntratt u jdahhluha maghhom fuq kuntratt u filfatt esebixxa kopja tal-kuntratt li hija ffirmat mal-kumpanija u u ghamel referenza ghal klawsola numru 2 fejn dan il-kuntratt jghid li huwa *for a fixed period of four years*. Jigifieri dan il-kuntratt kien wiehed tat-tip definit. Dan il-kuntratt gie mmarkat mill-Qorti bhala Dokument CA5. Huwa pprezenta wkoll kopja tal-ETC Employment Form li s-sinjorina Greaves iffirmat il-gurnata li hija dahlet tahdem maghhom, fejn hemm immarkat ukoll li hija kienet ser tahdem full-time u fuq kuntratt definit u dan gie mmarkat bhala Dokument CA6. Eventwalment meta bdiet tahdem maghhom fit-22 ta' April 2010 kienet baghatitilhom email, fejn ikkonfermat l-NI Number taghha u ziedet tghid ukoll is-segwenti: 'I would really like to thank you for giving me this opportunity, I will not let you down. You really made part of my dream come true'. Din hija email li x-xhud ircieva minghand is-sinjorina Greaves eventwalment liema e-mail giet immarkata bhala Dokument CA7. Tant kien xi haga li hija xtaqet li taghmel li eventwalment ircieva ittra wkoll minghand ommha, biex tirringrazzjahom f'dan is-sens. Huwa esebixxa din l-ittra li giet immarkata bhala Dokument CA8. Fit-22 ta' Lulju 2010 is-socjeta' attrici kkonfermatha li konna ser izommuha wara l-probation. Fit-fatt qalulha li d-decizjoni hija applikabbli mill-1 ta' Awwissu 2010, u giet esebita u mmarkata bhala Dokument CA9.

Ix-xhud stqarr illi eventwalment il-performance ta' Amanda Greaves bdiet sejra lura u bhalma jaghmlu ma' kull impjegat, ghalkemm ma jkunx hemm hafna li jkollu problemi fil-performance tieghu kellmuha permezz ta' different managers u permezz ta' nies differenti li qeghdin fil-kumpanija taghhom. Hija kienet taccetta li kien hemm problema fil-performance taghha, fil-fatt kull darba li kien ikollhom meeting, hija kienet tiktiblu lura u tirringrazzjah. Per ezempju fit-2 ta' Ottubru 2010 kitbitlu: 'I, hereby once again thank you for your interest in me and I apologise if I let you and Inglott down in any way, but I promise you to see a change in the coming months and I will be helping more my colleagues and will come up with more ideas for the good of Inglott.' Huwa esebixxa dan id-dokument gie mmarkat bhala Dokument CA10.

Fis-socjeta' attrici kull sena jsir *appraisal process* mal-impjegati kollha tal-kumpanija u jkun hemm rapport li jinkiteb kemm mill-impjegati kif ukoll mill-managers. Huwa pprezenta kopja tar-rapport li kitbet Amanda Greaves dwarha stess, liema rapport jaghlaq fil-31 ta' Dicembru 2010 fejn kitbet: 'I am more happy than I ever was with Inglott, I found it a little bit difficult at the beginning to grow as an artist and asked for help but now I am very happy with the team' u tkompli tghid li hija kienet kuntenta hafna fuq il-post tax-xoghol. Dan id-dokument gie mmarkat bhala Dokument CA11. Eventwalment hija baqghet matul iz-zmien dejjem taghti l-feedback taghha dwar dan, u f'din ic-cirkustanza partikulari, meta hija kienet intbaghtet bhala parti mit-team tal-Eurovision biex jaghmlu l-makeup, u hawn hija rringrazzjat lilu u lil Rachel Vella ghall-esperjenza li kellha waqt il-Eurovision, liema dokument gie mmarkat bhala Dokument CA12. Ix-xhud tenna li minn naha taghhom huma kienu raw li l-performance taghha kienet qed timpruvja biz-zmien meta kienu qed ikellmuha u matul iz-zmien hija giet allokata diversi zidiet fil-paga taghha. Fil-fatt huwa pprezenta kopja tar-rapport tas-17 ta' Marzu 2011 li jaghlaq il-process tal-2010 fejn kienet zdiedet b'ammont fis-sena, u hawn ir-rapport shih ta' fuq liema partijiet mix-xoghol taghha, hija kellha tahdem biex tkun tista' timpruvja fix-xoghol taghha. Dan id-dokument gie mmarkat bhala Dokument CA13.

Eventwalment bdew il-problemi u hemm e-mail shiha dwar is-sitwazzjoni ta' Amanda Greaves. L-izjed haga li x-xhud xtaq jikkwota hija l-parti li tirrigwarda certu Stephanie Hotckins, li kienet general manager tar-retail division dak iz-zmien u kienet taghtih l-updates dwar il-performance ta' kull impjegat u meta jkun hemm problema kienet tmexxihomlu l-quddiem biex ikun jista' jifhem x'qieghed jigri. Stephanie meta tkellmet dwar Amanda, kienet insistiet li kienu nbidlu certu affarijiet u Stephanie kienet kitbet dan il-kliem: 'the only thing that changed was that Kida, jigifieri Alkida Rama was appointed assistant manager, overall everything was fine and whenever there was an issue with the team, it was discussed and solved instantly'. Hija kompliet tghid illi: 'I also found it

ironic that this back pain got worse after she found out that Kida was appointed assistant manager'. Dan ifisser illi l-problemi li kien hemm minn naha ta' Amanda Greaves, kienu izjed problemi relatati ma' l-fatt li haddiehor forsi kien mexa izjed. Hawn ix-xhud jistaqsi ghalfejn ma kienetx imxiet? Stephanie Hotckins kienet qalet ukoll: 'this is why she was never appointed as assistant manager, as we cannot trust her with a certain amount of responsability because as soon as she does not personally approve of something she threatens to resign'. Dan id-dokumnet gie pprezentat u mmarkat mill-Qorti bhala Dokument CA14. Huwa tenna li jekk wiehed jaqra l-email shiha, hemm hafna aktar affarijiet imnizzla.

Ix-xhud tenna li eventwalment fl-20 ta' Lulju 2012 kellu meeting iehor ma' Amanda Greaves dwar il-performance taghha u kitbitlu lura u qaltlu: 'I would like to thank you for the meeting of Tuesday, I found it very helpful and I feel it helped us already. Thank you for your understanding and support. It is very much appreciated'. Dan id-dokument gie mmarkat bhala Dokument CA15. Huwa pprezenta rapport iehor maghmul minn Edwina Agius, li hija l-general manager tar-retailers datat 16 ta' Dicembru 2012. Dan huwa rapport dwar l-attitudini taghha u jghid: 'Needs to mature, needs to stop gossiping as she is harming all the staff, has a tendency to take everything lightly. Most of the staff are complaining that they cannot stand her coming in at work already with a negative vibe'. Dan huwa mmarkat bhala Dokument CA16. Ix-xhud ghamel referenza ghar-rapport li kitbet il-konvenuta dwarha nnifisha ftit qabel ma rrizenjat. Dan ir-rapport huwa ghas-sena 2011 u fis-sezzjoni *additional comments* hija kitbet: 'I enjoy what I do, but I need to improve more and more even though I have already achieved a lot. I appreciate what the company has given me so far'. Dan gie mmarkat bhala Dokument CA17.

Ix-xhud iddikjara li l-ammont dovut minn Amanda Greaves huwa ta' €6,407. Dan l-ammont waslu ghalih ghax id-data tal-impjieg kienet 26 ta' April 2010, id-data ta' meta abbandunat il-post tax-xoghol taghha kien 15 ta' Dicembru 2012, u

l-kuntratt kien ta' durata ta' erbgha snin, li jigu elf, erbgha mija u sittin gurnata. Huwa spjega li l-perjodu li l-konvenuta damet maghhom kien ta' disa' mija erbgha u sittin gurnata, *dishonoured period* kien erba' mija u sitta u disghin, u hamsin fil-mija ta' erbgha mija u sitta u disghingurnata jigu mitejn u tmienja u erbghin, u effettivament imbaghad jinhadmu l-ammonti kollha bil-paga li bdiet biha u xejn mizjud. Jigifieri l-ammont dovut ta' €6,407.45 ikopri mitejn u tmienja u erbghin gurnata bil-paga bazika kif bdiet biha plus xahar *notice period* kif kien mistenni minnha. Dan id-dokument li ippreparah ix-xhud stess gie mmarkat mill-Qorti bhala Dokument CA17. Dan huwa ghamlu abbazi tal-informazzjoni kollha li kellu hu u huwa jokkupa l-kariga ta' Head of Finance and Business Developments mas-socjeta' rikorrenti.

Ix-xhud tenna li s-sinjorina Greaves qalet ukoll li qatt ma kienet tinghata l-leave *(b'referenza ghax-xhieda moghtija minn Amanda Greaves nhar is-7 ta' Mejju 2014 fil-kawza Rikors Nru. 311/13 CSH fl-ismijiet 'Charichelon Co. Ltd vs Alkida Rama').* Huwa stqarr illi ghamel rapport ta' kemm hadhet leave u kif haditu u kif applikat ghalih. Fil-kumpanija attrici hemm procedura li biex tapplika ghal leave, trid tapplika fuq karta apposta li tigi approvata mill-manager tieghu u mbaghad eventwalment titla' sabiex tigi approvata mill-Head of Administration. Huwa kkonferma dak illi qalet is-sinjorina Greaves li jridu japplikaw sal-31 ta' Jannar biex jippjanaw il-leave kollu tas-sena shiha, biss huma ma japplikawx ghal leave kollu izda japplikaw biss ghall-ghoxrin gurnata u l-emergenza li semmiet Amanda Greaves hi li hemm erbat ijiem allokati ghall-emergenza. Kuntrarju ghal dak li qalet is-sinjorina Greaves, ta meta bniedem irrid jippjana vaganza, huwa ha bhala ezempju li jekk huwa ried imur vaganza f'Awwissu huwa ghandu bzonn l-assigurazzjoni li minn Jannar jista' jibbukkja l-vaganza f'Awwissu. Huwa stqarr illi llum il-gurnata huma qeghdin madwar mija u ghaxar membri ta' staff u ma jistax ikun li kulhadd jippjana l-vaganza tieghu fl-ahhar sekonda u ghalhekk hemm dan l-ippjanar li wiehed japplika f'Jannar biex imbaghad eventwalment jiehu l-vaganza f'Awwissu.

Mir-rapport li huwa ghamel dwar il-leave jirrizulta li s-sinjorina Greaves applikat ghal erbgha u tletin gurnata leave u minnhom tnejn biss kienu gew rejected, fl-2012 il-leave taghha kien approvat f'erbgha u disghin fil-mija tal-kazi. Dan ir-rapport gie mmarkat bhala Dokument CA19. Huwa pprezenta mhux biss ir-rapport imma wkoll l-applikazzjonijiet kollha li s-sinjorina Greaves ghamlet u dak kollu li huwa relatat ma' dawn l-applikazzjonijiet, u gew immarkati flimkien bhala CA19.

Ix-xhud ghamel referenza ghall-attendenza, fejn il-konvenuta kienet qalet *(fix-xhieda moghtija minnha fil-kawza Rikors Nru. 311/13 CSH fl-ismiijiet 'Charichelon Co. Ltd vs Alkida Rama')* li hija kienet tahdem sighat estensivi u huwa ghamel rapport fl-ahhar sena ta' x'kienet tahdem. Huwa ghandu zewg rapporti ghax fil-kumpanija ghandhom sistema elekttronika fejn wiehed idahhal idejh u jkun hemm palm reading tal-id imma billi mhux kull impjegat jimxi mar-regoli u hafna drabi jidhlu x-xoghol u jew jinsew jippancjaw, fl-ahhar ghandhom sistema manwali wkoll. Mis-sistema elektronika jirrizulta li hija hadmet medja ta'38.96 siegha fil-gimgha li huwa anqas mill-erbghin siegha u dan gie esebit minnu u mmarkat mill-Qorti bhala Dokument CA20. Mis-sistema manwali jidher li hadmet medja ta' 44.97 siegha u dan gie esebit minnu u mmarkat mill-Qorti flimkien mal-iehor bhala Dokument CA20. Huwa spjega li dawn it-tip ta' rapporti huma rapporti li jsiru anke jekk ma jkunx hemm kawza ghaddejja ghaliex huma jimmoniterjaw il-hin kollu li l-managers ma jkunux qed jallokaw hinijiet zejda fuq dak li jkun. Dan ifisser illi l-insistenza tal-konvenuta minn dak li sema' dakinhar filghodu (*fil-kawza Rikors Nru. 311/13 CSH fl-ismiijiet 'Charichelon Co. Ltd vs Alkida Rama')* fuq il-fatt li kienu jahdmu hinijiet estensivi huwa ma jistax jifhem minn fejn qed jigi ghax il-provi jidhru mod iehor. Ix-xhud spjega li wahda mill-affarijiet li hawn f'dawn ir-rapporti hija li s-sistema elektronika turi ezatt fi x'hin tkun dahlet ghax-xoghol fil-waqt li fis-sistema manwali hemm il-hinijiet xorta imma jkunu rrangati skont meta ma tkunx irrappurtat fuq is-sistema elettronika.

Is-sinjorina Greaves semmiet ukoll il-bicca xoghol tas-sick leave. Ix-xhud qal li l-unika regola li hemm fir-retail division fejn jidhol is-sick leave, jigifieri fejn tidhol persuna meta tkun bil-leave u trid tidhol mill-leave huwa meta jkun hemm staff member li jkun sick, il-managers jekk ma jkolhomx biex jahdmu huma ghandhom struzzjonijiet li jcemplu lil min ikun bil-leave sabiex jidhol mill-leave minhabba li kollega taghhom tkun bis-sick leave. Ma hemm ebda regola li tghid li jekk persuna tkun sick, jghidulha tidhol mis-sick. Huwa ddikjara li jekk kien hemm xi manager li ghamel hekk dan zbalja. Huma li jitolbu huwa li l-persuna li tkun bis-sick kuljum tinforma lill-manager jekk l-ghada tkunx diehla ghax-xoghol, sabiex jekk ikun hemm xi nies bil-leave dawn ikunu jistghu jiehdu l-*leave entitlement* taghhom.

**Colin Aquilina** kompla jixhed fl-4 ta' Gunju, 2014 fejn iddikjara li fl-ahhar xhieda li huwa ta quddiem din il-Qorti kien halla barra cirkostanza partikolari li nqalghet fl-ahhar jiem meta Amanda Greaves kienet ghadha maghhom. Huwa spjega li fl-ahhar tal-gurnata huwa jdur il-locations taghhom u qal illi kien sabu ragel barra l-istabbiliment taghhom maghruf bhala Inglott, li jinsab Ferries, Tas-Sliema. Fil-fatt beda jkellmu dwar Amanda Greaves, u x-xhud staqsieh jekk effettivament kienx missierha u tah x'jifhem li huwa fil-fatt missierha u beda jghid lix-xhud biex jirrangalha. Meta x-xhud staqsieh x'irid jifhem bil-kelma "irrangalha" huwa wiegbu sabiex jaghlaq ghajnejh dwar il-kuntratt. Sadanittant harget Amanda Greaves u x-xhud induna mill-mod kif kellmitu l-konvenuta li huwa ma kienx missierha u ghalhekk ix-xhud infurmah li ma kienx se jkompli jkellmu ghax ma kienx missierha u effettivament kien tradieh mill-mod kif kien kellmu. Pero' l-ghada gie jsibu filghaxija u beda jerga' jirrepeti l-istess kliem sabiex jirrangalha.

Ix-xhud sostna li dak il-hin Amanda Greaves kienet konxja bid-doveri taghha li kellha lejn il-kumpanija ghax hija kienet konxja li dan ir-ragel kien ser jipprova jkellmu u dan sabiex jaghlaq ghajnejh fuq il-kuntratt u fil-fatt hija bdiet tghidlu fil-presenza tax-xhud "qed tara, ghalxejn qed inkellmuh". Ix-xhud iddikjara illi t-

ton ta' dan ir-ragel f'dak il-jum ghal bidu kien accettabbli ghalkemm fit-tieni gurnata dan ir-ragel beda jheddu. Effettivament ix-xhud kien sahansitra nforma lil Dr Vincent Galea b'dan u Dr Galea qallu li jekk terga' tinqala' xi kwistjoni ohra ghandu jerga' jkellmu. Pero' minn dakinhar 'il hawn Amanda Greaves ma rritornatx lura ghax-xoghol.

Rat in-nota tal-konvenuta Amanda Greaves li giet ipprezentata fid-19 ta' Novembru 2014 li permezz taghha pprezentat affidavit taghha stess.

Rat l-affidavit ta' **Amanda Greaves** fejn iddikjarat bil-lingwa Ingliza li hija kienet impjegata mas-socjeta' attrici bhala sales representative / makeup artist taht kuntratt definit u kienet tahdem fil-hanut Inglott li jinsab The Strand, Tas-Sliema. Hija rrizenjat minn dan il-kuntratt ta' impjieg fl-14 ta' Dicembru, 2012 u ser tispjega d-diversi ragunijiet li wassluha ghal din id-decizjoni.

Hija spjegat li l-hin tax-xoghol taghha kellu jkun mid-disgha ta' filghodu (09:00hrs) sas-sebgha ta' filghaxija (19:00hrs) u fis-sajf jahdmu sas-sebgha u nofs ta' filghaxija (19:30hrs). Pero' ddikjarat li dan ma kienx isir ghax kemm hija u kif ukoll impjegati ohrajn kellhom jibqghu jahdmu aktar minn dawn is-sighat minghajr ma jkunu avzati qabel. Bazikament wiehed ma setghax jippjana l-gurnata tieghu ghax ma kienux jafu fi x'hin ser jispiccaw, u gieli kienet tispicca fit-tmienja u nofs ta' filghaxija (20:30hrs).

Huma kienu jahdmu sitt ijiem fil-gimgha mit-Tnejn sas-Sibt bejn id-disgha ta' filghodu (09:00hrs) sas-sebgha ta' filghaxija (19:00hrs) jew sa x'hin kienu jispiccaw. Hija spjegat li fl-ewwel sena u nofs tal-impjieg taghha kienu jinghataw *half-day off* darba fil-gimgha sakemm ma jkunx hemm xi hadd bis-sick leave. Iktar tard kiemu jtuhom gurnata shiha off darba fil-gimgha per' bl-istess kundizzjoni li jidhlu xoghol f'kaz ta' xi had iehor ikun sick leave. Din is-sitwazzjoni holqotilha hafna stress u physical fatigue meta tikkonsidra li hija kienet tahdem kwazi granet ta' tnax-il siegha bi kwazi minghajr break ta' xejn.

Il-konvenuta kompliet tispjega illi kien hemm zminijiet fejn ma setghu jiehdu l-ebda break specjalment zmien il-Milied u nhar ta' Sibt. Meta' kienu jiehdu break dan kien jitnaqqas minn ta' xi hadd iehor u jdum kwarta u xi drabi tletin minuta f'xift ta' tnax-il siegha. Din is-sitwazzjoni kienet *mentally and physically exhausting*. Din is-sitwazzjoni kienet tmur ghall-ghar fi zmien il-Milied. Hija spjegat li f'dan iz-zmien kienu jahdmu sebat ijiem fil-gimgha, mit-Tnejn sal-Hadd inkluz il-btajjel pubblici mid-disgha ta' filghodu (09:00hrs) sa x'hin jaghlaq il-hanut u cioe' sa xi t-tmienja u nofs (20:30hrs) jew id-disgha ta' filghaxija (21:00hrs). Fi zmien il-Milied huma ma jkunux jistghu jiehdu leave.

Il-konvenuta sostniet illi l-leave kollu kellhom jippjanawh fil-bidu tas-sena. Ghalhekk jekk jinqala' xi haga mhux mistennija matul is-sena kienet tkun problema kbira biex tinghata l-leave. Hija semmiet bhala ezempju illi f'Awissu 2011 kien izzewweg huha Ryan Greaves. Il-konvenuta kienet applikat ghal gimgha *vacation leave* fil-bidu ta' Jannar, 2011 skont il-*policy* tal-kumpanija. Hija kellha tkun il-*maid of honour* fit-tieg ta' huha u ghalhekk kien hemm bzonn hafna pjannar u xoghol xi jsir f'din il-gimgha tat-tieg. Hija stqarret illi erba' gimghat qabel dan it-tieg, missierha gie djanjostikat bil-marda ta' Hodgkinson's disease u ghalhekk kienet ghaddejja minn trawma l-familja taghha u l-leave taghha kien ghadu ma giex approvat sa gimgha qabel it-tieg. Sussegwentement hija kienet giet infurmata mir-*retail manager* Stephanie Hodgkins illi erbat ijiem leave biss kienu gew awtorizzati u dan ghax kollega tal-konvenuta Sandy Mallia kienet ikkancellat il-leave taghha.

Hija stqarret illi kien hemm okkazjonijiet ohra fejn hi kellha bzonn il-leave biex takkumpanja lil missierha l-isptar u ma kienx gie approvat. Hija tiftakar li l-ewwel darba li missierha beda bil-kemoterapija, hija kienet ibbukjat il-gurnata emergency leave u dan il-leave kien gie approvat minn Colin Aquilina. Pero' hija u sejra l-isptar mal-genituri taghha hija rceviet telefonata mill-hanut Inglott minghand il-kollega taghha Alkida Rama fejn staqsietha jekk setghetx tidhol

xoghol mis-saghtejn ta' wara nofsinar 'il quddiem. Il-konvenuta wegbitha li ma kinitx taf kemm se ddum. Ftit tal-hin wara rceviet telefonata ohra minghand Helen Vella Galdes (HR manager) fejn staqsietha jekk setghetx tidhol xoghol mill-erbgha ta' wara nofsinhar 'il quddiem. Il-konvenuta wegbitha li kellha tara u stqarret illi dak il-hin ma kinitx fi stat li tmur tahdem u tara l-klijenti. Wara Colin Aquilina stess kien cemplilha fejn talabha biex tidhol ghax-xoghol u baghtilha messagg ukoll.

F'okkazzjoni ohra tiftakar li kienet talbet gurnata leave biex takkumpanja lil missierha l-isptar St. James ghax kellu jaghmel PET scan pero' dan gie rrifjutat u dakinhar stess ommha kienet marret il-hanut u nfurmatha bl-ahbar hazina li l-marda kienet infirxet. Hija meta rceviet din l-ahbar infaqghet tibki u talbet li tigi skuzata ghal kumplament tal-gurnata (billi jitnaqqas mil-leave taghha) pero' dan gie rifjutat.

Il-konvenuta sostniet li hija kienet waqghet f'depressjoni kif djanjostikata minn Dr George Debono li kienet giet riferuta ghandu mit-tabib taghha Dr Paul Falzon. Din id-depressjoni kienet bhala rizultat tas-sitwazzjoni taghha fuq ix-xoghol. Hija kienet tbaghti minn IBS (irritable bowel syndrome) u meta t-tabib taghha kien jistaqsiha jekk kellhiex xi problemi kienet twiegbu kemm ma kinitx kuntenta fuq ix-xoghol minhabba l-kundizzjonijiet li kien hemm. Dr Falzon ghamilielha cara illi s-sitwazzjoni taghha ma kinitx ser tmur il-quddiem jekk ma kinitx ser titlaq mix-xoghol u ghalhekk kien irreferiha ghand Dr George Debono fejn wara li ezaminaha kien iccertifikaha li kienet qed tbaghti minn dipressjoni akuta.

Hija stqarret illi kienet tkun problema meta kienet tkun ma tiflahx u kien ikollha bzonn tiehu s-sick leave. Dan ghax Helen Galdes kienet iccempel b'mod kostanti u taghmillha pressjoni biex tirrapporta ghax-xoghol. Hija spjegat ukoll illi meta kienet thossha ma tiflahx ix-xoghol kienu jghaddu s-sighat qabel ma jaghtuha l-permess biex titlaq. Hija kienet tintbaghat mill-management biex tmur tara tabib

fi spizerija vicin u kienet tinghata l-permess tmur id-dar sighat wara ghax il-manager taghha kellha ggib permess mill-head office biex tkun tista' tibghatha. Il-konvenuta ddikjarat illi anke l-kollegi taghha kienu qed jigu trattati b'dan il-mod. Hija sostniet li dan it-trattament juri dizrispett mhux biss lill-haddiema izda wkoll lill-klijenti ghax mhux sewwa li klijent jinqeda minn impjegat li jkun marid.

Il-konvenuta ddikjarat li sors iehor ta' stress kienu targets imposti mill-management. Hija spjegat li kull haddiema fil-hanut kellha tilhaq it-target ta' sitt elef ewro (€6,000) bejgh fix-xahar. Dan it-target huwa difficli biex jintlahaq u kienu jkollhom hafna pressjoni fuqhom meta ma kinux jilhqu dawn it-targets. Hija qalet illi Colin Aquilina kien qal fil-Qorti illi hija kienet taghmel apposta biex ma tilhaqx dawn it-targets. Hija sostniet illi dan mhux il-kaz ghax kienet rebhet vjagg ghal Ruma meta lahqet it-target f'Dicembru fejn dan huwa l-ahjar xahar ghal bejgh.

Hija spjegat illi kien ikun hemm laqghat regolari u dawk li ma kinux jilhqu t-targets kienu jigu kkonfrontati b'allegazzjonijiet illi kienu qed jirribellaw kontra l-kumpanija. Il-kumpanija kienet qed tohloq klima ta' *unhealthy competition* bejn it-tfajliet ghax kien ikun hemm hafna *friction, gossiping, back-stabbing* u kien hemm atmosfera kerha x-xoghol.

Aktar il-quddiem hija kienet inghatat promozzjoni ghal senior make-up artist biex tissostitwixxi certu Sandy Mallia li kienet telqet mix-xoghol ghax ma felhitx izjed. Il-konvenuta kienet inghatat zieda ta' hamsin ewro (€50) pero' t-targets kienu zdiedu b'aktar minn mitt elf ewro (€100,000+) fis-sena. Din il-posizzjoni kellha sitt xhur probation u kienet titlifha jekk ma tilhaqx it-target mitlub. Sadanittant hija stqarret illi kellha titlaq mix-xoghol minhabba sahhitha u dan qabel ma ghaddew dawn is-sitt xhur probation applikabbli ghall-post ta' senior make-up artist.

Hija spjegat illi l-promotion kienet inghatatilha f'Gunju tas-sena 2012 izda xahar qabel kienet ittiehdet l-isptar tbaghti minn *severe palpitations* bhala rizultat tal-istress li kienet ghaddejja minnu.

Il-konvenuta qalet illi huma ma setghu jghidu xejn fuq bookings u filfatt xi drabi kienu jkunu over booked u kienu jkollhom klijent kull ghoxrin minuta mid-disgha ta' filghodu (09:00hrs) sas-sitta u nofs ta' filghaxija (18:30hrs).

Hija tiftakar illi kienet ghamlet zewg *looks* ghal Inglot li kienu ntuzaw f'riklam madwar Malta u Ghawdex. Fl-ewwel riklam stqarret illi isimha ma kien jidher imkien. Huma kienu bdew jahdmu fuqu fl-erbgha ta' filghodu (04:00hrs) sat-tmiena ta' filghaxija (20:00hrs) ghaz-zewg riklami minghajr ma nghataw bonus. Fiz-zewg drabi kellha tahdem fuq klijenti wara dawn il-photoshoots u hija stqarret illi kienet tkun ezawsta wara li tkun diga hadmet ghal tmien sighat sa nofsinhar. Rigward it-tieni *look* hija kienet ghamlet hafna ricerka, baghtet hafna ritratti u r-rizultati kienu sodisfacenti hafna. Sussegwentement pero' meta' l-*look* kien lest u kien qed jigi rreklamat, il-manager il-gdida Edwina Agius kienet cemplet lil Ms. Vella u nfurmatha li l-konvenuta kienet qed tirribella u kienet qed tuza kuluri differenti mil-*look* mentri hija sostniet li kienet qed tuza l-istess kulur peress li taf x'fih dan il-*look*. Dakinhar stess Ms. Vella kienet marret fuqha u staqsietha x'kienet qed taghmel u kienet qalet specifikatament "*are you with me or are you against me?*" u l-konvenuta wegbitha li hija kienet qed tuza l-istess kulur tal-*look* pero' Ms Vella kienet irrabjata hafna dakinhar u l-konvenuta hassitha mheddha.

L-ghada l-konvenuta kienet sabet lil Edwina u staqsietha jekk kinitx hi li qalet lid-direttur b'dan u Edwina wegbitha illi hija qatt ma kienet se tghinha biex tidher ahjar minnha. Hawnhekk il-konvenuta ndunat illi minn dakinhar 'il quddiem ma kien ser ikollha l-ebda ghajnuna minghand hadd gewwa l-Inglot. Hija tiftakar illi fl-ahhar Rachel kienet riedet tiddiskuti xi problemi pero' l-konvenuta kienet lahqet qatghet qalbha u rrifjutat dawn il-laqghat.

Il-konvenuta ddikjarat li hawn telghu hafna affarijiet fil-wicc. Hija kienet intalbet tattendi laqgha ma' Edwina u Rachel fejn staqsuha fuq status li kienet kitbet fuq Facebook u riedu jkunu jafu jekk kienx fuq kollega. L-istatus in kwistjoni kien "*what goes around comes around*". Hija ma kellhiex idea ghal xiex kienu qed jirreferu u qalet illi kollega ohra taghha kienu staqsuha l-istess haga. Iddikjarat illi jidher car li kienu qed jiccekjaw fuqhom fuq Facebook. Hija bdiet tibza' tippostja xi haga fuq Facebook ghax kienet taf li jekk titfa' xi kwotazzjoni kienet se tkun misinterpretata bhal ma gralha qabel.

Hija stqarret illi meta kellha l-kuragg biex taghti n-notice tat-tmiem tal-impjieg, Colin Aquilina kien irrabjat u nfurmaha illi ghandha tlett ijiem biex terga' tahsibha ghax inkella qallha "*inkissrek, nohodlok kull ma ghandek*". Wara jumejn huwa cemplilha u ordnalha biex tmur ghax-xoghol halli jiddiskutu bejniethom pero' hija kienet imbezza' u missierha ma setghax imur maghha peress li kien marid, hija hadet maghha habib tal-familja Emanuel Chetcuti bhala xhud. Meta hija marret akkumpanjata minn Emanuel Chetcuti Colin irrabja, irrifjuta li jdahhlu, beda jghajjat mieghu u keccieh mill-hanut. Ghalhekk hija ma kellhiex ghazla ohra hlief li tidhol gewwa u Colin Aquilina fil-prezenza ta' Edwina Agius u Helen Galdes uzaw *forceful language* biex jikkonvincuha tbiddel id-decizjoni taghha. Hija stqarret illi qaghdet bilqieghda b'halqha maghluq, tibki u tisma l-abbuz verbali ta' Colin u fl-ahhar telqet bid-decizjoni li mhux se tbiddel il-hsieb. Ghall-ewwel hija kienet se tahdem in-*notice period* imma mbaghad wara li semghat il-kundizzjonijiet li riedet tahdem bihom u cioe' li hadd mill-kollegi taghha ma kellhom permess jitkellmu maghha u li kellha tiehu l-brejk wahidha, hija ddeciediet li ma tahdimhiex in-*notice* lanqas.

**Dr George Debono** xehed fis-26 ta' Novembru 2014 fejn iddikjara li huwa gie muri certifikat mediku rilaxxat fis-7 ta' Dicembru 2012 li jinsab inserit fl-atti a fol 153. Huwa kkonferma li dan ic-certifikat mediku gie rilaxxat minnu. Dan huwa prototype ta' hafna certifikati ohra li jaghmel fis-sens li l-ewwel jara u

jezamina pazjent biex jara li verament ghandux *anxiety* jew depression u mbaghad jara jekk id-depression hix endogenous jew jekk setghatx giet minn fatturi esterni. Naturalment pero' huwa jikkonkludi r-ragunijiet li jistghu jwasslu ghal depression ta' pazjent fuq dak li jghidulu huma. Pero' bhala fatt stabbilixxa li l-pazjenta Amanda Greaves kienet qed tbaghti minn *depression* u *anxiety* u jekk mhux sejjer zball kien preskrivielha wkoll xi medicini. Huwa spjega li d-djanjozi tasal ghaliha mill-ezami u mill-istorja u naturalment huwa jippretendi jew jassumi li persuna jigi ghandu b'intenzjoni tajba biex ikun ahjar milli effettivament ikun. Jista' jkun il-kaz illi l-bniedem ikun fejn ikun ikollu l-problemi ghax per ezempju jkun bniedem sensittiv u ghalhekk spjega li fic-certifikat li jirrilaxxja qatt ma jatribwixxi t-tort perse ghal raguni partikolari wahda.

Ix-xhud spjega li s-sintomi ta' min ibaghti minn depression minhabba endogenous ikollhom l-istess sintomi. Endogenous huwa per ezempju bniedem jigi ghandu u ma jkun jonqsu xejn pero' xorta jhossu mdejjaq u jkun jixtieq imut. Il-medicini pero' jghinu sa certu punt. Endogenous tfisser marda proprja, id-depression pero' dik bil-medicini tirrangaha ghax hija marda. L-ohra hija sitwazzjoni u ghalhekk il-medicini ma jghinux. Ghalhekk biex tghin fit-tieni kaz trid tindirizza s-sitwazzjoni. Mistoqsi ezattament x'kienet qaltlu l-konvenuta wiegeb illi nesa llum-il gurnata ghax il-kaz ilu li sar pero' l-fatt huwa li kiteb dak li kiteb fic-certifikat tieghu jfisser li kien minnu dak li qaltlu, fis-sens illi huwa kien kiteb illi d-depression huwa relatat max-xoghol li kienet qieghda taghmel. X'kienet ir-raguni perse pero' huwa ma jiftakarx illum-il gurnata. Jekk mhux sejjer zball il-pazjenta darba ezaminaha u l-konvenuta raha u ezaminaha r-Rabat. Dik hija *clinic outreach* li jmur darba kultant.

Rat l-affidavit ta' Clara Farrugia pprezentat seduta stante mill-konvenuta nhar is-26 ta' Novembru 2014 fejn Clara Farrugia ddikjarat li kienet impjegata mal-kumpanija Charichelon Co Ltd bhala sales representative / make up artist fuq

kuntratt ta' xoghol part time. Hi kienet tahdem fil-hanut Inglott f'The Strand, Sliema. Kien bdiet l-impjieg f'Gunju 2011 u spiccat fil-31 ta' Dicembru 2012.

Qalet li l-hinijiet tax-xoghol taghha kien mit-12.30pm sas-7.00pm fix-Xitwa u 7.30pm fis-Sajf. Pero kien ikun hemm diversi okkazzjonijiet fejn hi kien ikollha tahdem wara l-hin minghajr ma kienet tigi avzata minn qabel ghaliex per ezempju jkunu marru l-klijenti tard. F'certi okkazjonijiet anke kienet tkun kostretta li tibqa' hemm ghax kienet tkun trid taghmel il-make-up Rachel Vella, wahda mid-Diretturi. Qalet li hija ma kinitx taghmlilha l-make up hi stess pero' l-ordni kienet li wara jibqghu ghalmenu tnejn, dik li taghmel il-make up u l-ohra biex tisbarazza. F'diversi okkazzjonijiet baqghet wara l-hin ma' Amanda Greaves u f'bosta drabi kienet tkun kostretta li tibqa' wara l-hin ma' tal-hair salon.

Sostniet li fi zmien il-Milied u fil-weekends prattikament matul is-sena kollha dejjem kienet tkun kostretta li tibqa' wara l-hin. Gieli baqghet hemm anke sad-9.00pm jew 9.30pm. Ghalkemm l-appuntamenti kienu jkunu kull nofs siegha, kien jigri ta' spiss li jdeffsu klijenti ohra in between bil-konsegwenza li bosta drabi kienet tispicca lanqas tiehu l-break taghha. Kienet tigi anke mcanfra meta xi darba jew ohra ddum ftit izjed milli suppost fuq klijenta ghalkemm dan naturalment kienet taghmlu biex ix-xoghol jigi sew. Kien hemm okkazzjonijiet fejn kienet titlob biex tiehu l-break ghaliex kien jaqbadha l-guh tant li tkun ser tibda tistordi izda l-manager Stephanie Hodgkins kienet tghidilha biex tiehu l-lunch taghha b'hatfa fit-toilet u tmur tkompli.

Fl-affidavit taghha Clara Farrugia kompliet tghid illi kien ikollha tlahhaq mal-washes fejn kien hemm il-hair salon u mal-make up u allura kienet kienet tehles mill-make up kienet tigi ordnata titla' fuq taghmel il-washes u lejn l-ahhar anke taghmel il-jellish wrapping tad-dwiefer.

Rigward vacation leave, tista' tghid li kienet tibki biex tieghu l-leave u kienu bosta okkazjonijiet fejn ma kienx jigi approvat. U meta kien jigi approvat, dan kien jigi approvat l-ahhar gurnata. Qalet li ma setghet tippjana xejn. Kien hemm bosta granet li kienu stop-leave. Minn nofs Novembru kienu jkunu stop-leave jista' jkollok xi jkollok ghaliex ma tinghatax leave.

Dwar sick leave, jekk xi darba tkun ma tiflahx u tirraport sick, wallet li Helen Vella Galdes kienet ccemplilha bosta drabi biex tipprova ggeghlha tidhol ghax-xoghol. Bosta okkazzjonijiet kellha tidhol xoghol minkejja li kienet marida. Dan kollu kien johloq stress enormi fuqha. Kemm-il darba kienet tispicca sejra lejn ix-xoghol bil-karozza tal-linja u tispicca tibki.

Meta kienet tohrog break kienu bosta d-drabi meta wara hames minuti kienet ccemlilha Stephanie Hodgkins fuq il-mobile biex tmur lura ghax ikun inqala' xi xoghol. Gieli anke kienet imhajra li fil-break taqbad u titlaq pero' kienet tisfa bla xoghol u tibza' mit-theddid ta' Colin Aquilina.

Qalet illi meta hija kienet diga' tat in-notice taghha, madwar gimgha wara marret tas-Sliema fil-gurnata off taghha sabiex tixtri u inzertat ghaddiet minn quddiem il-hanut ta' Inglott. Amanda Greaves kienet qieghda hdejn il-bieb u kien hemm wahda Michelle u dahlet tkellimha fuq l-ghatba. Imbaghad marret tkellimha Amanda Greaves u Helen Vella Galdes rathom jitkelmu minn gewwa. Hi telqet u sussegwentement xhin kienet fuq l-istage tistenna x-xarabank, waqfet BMW u minn gol-karozza Colin Aquilina nizzel it-tieqa u qalilha 'meta tkun off ma rridekx tersaq lejn il-hanut; jekk tersaq lejn il-hanut u terga' tersaq lejn Amanda nibghatlek ittra bl-avukat.' Hi nhasdet u bdiet tibki. Wara saret taf li dakinhar Amanda kienet tat in-notice u dan ghax kienu qalilha hu stess peress li wara x'hin ikkalmat kienet cemplitlu biex tiehu sodisfazjoni ghalfejn kien hatafha b'dak il-mod.

Clara Farrugia sostniet li kien hemm pressure kbira ukoll biex taghmel certu ammont ta' bejgh u hi kienet taghmel l-ghalmu taghha pero' darba Colin kien hareg dokument li kien juri l-bejgh li taghmel hi u allega li hi apposta kienet qed taghmel minn kollox biex tivvendika ruhha mill-kumpanija ghaliex ma kinitx qed tbiegh kemm kien qed jitlob hu u cioe' sitt elef ewro (€6,000). Avolja hi kienet part timer, kien jippretendi l-istess ammont ta' bejgh li kienu jaghmlu l-impjegati full time. Ikkonkludiet illi wara li spiccat minn hemm bhala xoghol hadhet ir-ruh u spiccalha dak l-istress li kellha fuqha u li kien qed jaffettwaha anke personalment u r-relazzjoni taghha ma' ta' madwarha.

**Maria Stella Greaves** xehdet fis-26 ta' Novembru 2014 fejn iddikjarat illi hija tigi omm il-konvenuta Amanda Greaves. Hija spjegat illi meta originarjament Amanda kienet giet maghzula biex tahdem ma' Inglott kienet ferhana hafna. Filfatt ix-xhud stess kienet kitbet ittra lil Colin u rrinzgrazzjatu ghax dejjem xtaqet tahdem fil-make up. Pero' taf li maz-zmien Amanda bdiet thoss il-*pressure* minhabba l-hinijiet twal tax-xoghol u dan billi tahdem mid-disgha ta' filghodu u tibqa' ghaddejja sat-tmienja u nofs ta' filghaxija. Ix-xhud taf li missierha kien qed imut bil-cancer u t-tifla ma setghatx tgawdi lil missierha. Tiftakar li darba minnhom meta missierha kellu bzonn it-treatment ghal chemo, huha kien imsiefer u x-xhud xtaqet li t-tifla Amanda tmur maghha bhala support. Filfatt kienet xtaqet tkellimha biex tikkonfermalha li effettivament mill-*biopsy* hareg illi missierha kellu cancer. Hija kienet marret issibha fuq ix-xoghol.

Ix-xhud spjegat illi llum-il gurnata t-tifel taghha Ryan huwa mizzewweg u tiftakar illi fiz-zminijiet meta kien ha jizzewweg it-tifel Amanda kienet talbet il-*leave* lill-imghallem taghha biex tkun tista' tghinha u baqghu sa l-ahhar jitrattenu biex jghidulha li kellha l-leave approvat u ghalhekk pjanijiet ma setghux jaghmlu. It-tifla kienet maid of honour u naturalment xtaqitha biex tiddependi fuqha ghal preparamenti.

Ix-xhud iddikjarat illi filfatt it-tifla mardet fuq il-post tax-xoghol u ma felhitx taraha aktar hekk ghax kienet se tmarrad lix-xhud maghha. Mistoqsija jekk ghandhomx tabib tal-familja qalet li ghandhom u huwa Dr Paul Falzon u filfatt marru ghandu diversi drabi. Filfatt il-konvenuta kienet spiccat marret ghand il-psikjatra Dr George Debono fuq rakkomandazzjoni ta' Dr Paul Falzon u t-tabib kien jghidilha li jekk hija ma kinitx se tohrog lit-tifla mill-post tax-xoghol kienet se timrad. It-tifla taghha fil-passat kienet dejjem ferrieha u kuntenta waqt li kienet fuq ix-xoghol u meta tigi lura kienet tkun dejjem tibki. Sa fl-ahhar taf li missierha kien icempel lil Colin u qallu li t-tifla ma kinitx se tidhol aktar xoghol u hekk spiccat mix-xoghol. Ix-xhud sostniet li meta t-tifla spiccat minn dan ix-xoghol strahet u fil-fehma taghha giet lura ghan-normal.

Ix-xhud kompliet tixhed in kontro-ezami fejn iddikjarat li t-tifla taghha akkumpanjat lill-missierha ghal chemo f'okkazjoni wahda biss u jekk mhix sejra zball kien fit-22 ta' Awwissu tas-sena 2011. Mistoqsi jekk kinitx Alkida li kienet iccempillha meta kienu fil-karozza qalet li mhix f'posizzjoni li twiegeb. It-tifel izzewweg fit-tlettax ta' Awwissu 2011 u ghalhekk kienet applikat ghal-leave ghal qabel it-tieg u cioe' b'mod partikolari ghal gimgha tat-tieg. Hija sostniet li t-tifla taghha kienet tmur tard kuljum. It-tifla bdiet xoghol mas-socjeta' attrici f'April 2010 u spiccat f'Dicembru 2012 u kuljum kienet tasal lura d-dar tard. Filfatt it-tifla qatt ma kienet ma' missierha ghax ma kienx jiflah jistenniha. Gieli per ezempju kellha tkun tispicca fis-sebgha u nofs u kienet tistenniha siegha wara l-bieb. Ma kienx ikun hemm hinijiet.

Ix-xhud iddikjarat illi mhux mill-bidu nett bdiet tibki kuljum pero' wara certu zmien bil-kundizzjonijiet li kien hemm bdiet tibki. Din kienet kwistjonijiet ta' xhur ghaliex kienet tkun imdejjqa. It-tifla llum-il gurnata tahdem ma' Citadel Insurance mit-tmienja ta' filghodu sal-hamsa. Illum-il gurnata t-tifla taf li qed tghix.

**Luke Zammit** xehed fid-26 ta' Novembru 2014 fejn iddikjara li huwa jahdem bhala technician. Filfatt huwa jigi l-gharus tal-konvenuta u ilu jafha ghal kwazi hames snin u ilu maghha kwazi erba' snin u nofs. Huwa spjega li meta l-konvenuta kienet tahdem fil-hanut Inglott kien diga' johrog maghha. Huwa tenna li ghall-bidu meta' bdiet tahdem fl-Inglott kienet il-holma taghha u kienet kuntenta hafna ghaliex hija thobb hafna l-make up u qal illi f'temp qasir ta' zmien jaf li tilfet il-holma li kellha lejn il-make up. Huwa jaf illi d-dar kienet tmur mbikkma wara x-xoghol. Filfatt il-konvenuta kienet tahdem sighat twal u kienet tkun ghajjiena. Komunikazzjoni bejniethom ftit li xejn kien ikun hemm u filfatt kienet tkun stressjata hafna u qal ukoll li filfatt minhabba dan ghaddew minn zmien iebes.

Ix-xhud jaf ukoll li dak iz-zmien kien marad ukoll missierha. Filfatt bhala support it-tifla lejn missierha ma kienx hemm izda mhux ghax ma ridietx hi ghaliex hija kienet tixtieq pero' kien ikun hemm bzonn l-attendenza taghha ghal xi appuntamenti u ma kienx ikollha cans biex tmur u jaf li kienet titlob ghalihom. Ix-xhud stqarr illi l-konvenuta kienet tiftah qalbha mieghu dwar dan u dak iz-zmien lanqas lill-familjari taghha ma kienet tghid kollox ghax ma xtaqitx tinkwethom iktar dak iz-zmien peress li kienu ghaddejjin minn bizzejjed inkwiet. Huwa jiftakar illi originarjament kienet tghidlu li kienet tispicca fis-sebgha mbaghad kien hemm zmien meta kienet tispicca fis-sebgha u nofs, pero' dawk kienu hinijiet li kien jaghlaq il-hanut. Pero' kien ikun hemm hafna okkazjonijiet meta kienet tibqa' hemmhekk fil-hanut u dan jafu ghax kien jghaddi ghaliha hu. Filfatt gieli kien imur ghaliha per ezempju fis-sebgha u ghoxrin u kienet tohrog xi t-tmienja, it-tmienja u kwart.

Huwa jiftakar li kien hemm xi okkazjoni meta filfatt huha kien ser jizzewweg u kienet applikat ghal-leave. Huwa jiftakar li l-leave taghha kien gie rrifjutat u kien ha l-leave personali hu. Pero' mhux il-leave kollu kien gie rifjutat, pero' jaf li kienet ilha li applikat certu zmien u kienu approvawlha tlieta minn hamsa u dan lejn l-ahhar meta effettivament kien suppost jibda dan il-leave. Huwa jiftakar li

darba minnhom kien akkompanjajha ghand it-tabib Dr Paul Falzon u kien qallha li ghandha problema. Filfatt qallha li kellha bidu ta’ tip ta’ *eating disorder* li huwa IBS, *irritable bowel syndrome* u dan ghax il-break ma kienx ikun fl-istess hin u dejjem ma kienx ikun hemm l-istess ammont ta’ tul ta’ zmien.

Sussegwentement ix-xhud induna li s-sitwazzjoni bdiet tiggrava aktar u qalilha li kien hemm bzonn li tkellem lil xi hadd u titlob l-ghajnuna ghax ma jistax ikun li tkompli tibki ghax filfatt kienet tibki kwazi kuljum. Dak iz-zmien kienu jiltaqghu kuljum imbaghad sahansitra jaf li anke spiccat marret mal-familjari taghha ghand psikjatra u kien taha xi pinnoli. Pero’ x’jisimhom il-pilloli llum ma jafx. Ix-xhud iddikjara li xi mument il-konvenuta spiccat mix-xoghol li kellha u llum-il gurnata Amanda hija l-istess tfajla kif kien iltaqa’ maghha fis-sens li regghu ghandhom hajja bejniethom.

Huwa jaf li filfatt Amanda bdiet turi dawn il-problemi ftit zmien wara li bdiet tahdem u cioe’ xi ftit xhur wara li kienet bdiet bix-xoghol. Ix-xhud iddikjara li m’ghandux karozza. Huwa joqghod il-Gzira u meta kien imur ghaliha, kien imur ghaliha bil-pass pero’ jaf illi l-konvenuta ghandha karozza. Pero’ kien hemm zmien meta lanqas hi ma kellha karozza u kien jghaddi ghaliha jew missierha jew missier ix-xhud. Gieli kienu joqghodu d-dar ghand ix-xhud kantuniera ‘l boghod u gieli ghamlet xi zmien torqod ghandhom ukoll. Huwa spjega li missier ix-xhud kien jakkompanjah biex jigbor lill-konvenuta u jibqghu sejrin ir-Rabat. Huwa rari hafna li kienu johorgu wara x-xoghol. Filfatt sahansitra anki tilfu numru kbir ta’ hbieb. Darba minnhom jiftakar li huwa kien cempel lil Colin ghax xtaq jaghmel sorpriza lill-konvenuta, Colin kien qallu li ma kienx problema li huwa filfatt kien talab li tiehu ftit sighat off u ha inqas sighat milli talbu. Filfatt kien inghata inqas zmien milli talab. Filfatt kien talbu ghal dan il-leave xi gimghatejn qabel.

**Alkida Rama** xehdet fl-4 ta’ Marzu, 2014 fejn ikkonfermat li hija kienet impjegata mas-socjeta’ attrici ghal xi zmien u dan fil-kapacita’ taghha ta’ *assistant manager make-up artist* fil-hanut Inglott li jinsab Tas-Sliema.

Mistoqsija jekk tafx il-konvenuta wiegbet illi tafha u li saret tafha fuq ix-xoghol. Spjegat li Amanda kienet *make-up artist* li kien jinkludi wkoll *sales* biex tbiegh il-*make-up*. Hija m'ghadhiex impjegata mas-socjeta' attrici. Ix-xhud kienet taf kif kienu jmorru l-affarijiet fuq ix-xoghol peress li kienet prezenti u qalet li tiftakar il-kwistjoni ta' *leave* jew *emergency leave.* Ix-xhud qalet li Amanda kellha xi sitwazzjoni partikolari ghax missierha kien ghaddej minn mard ghax kellu cancer u kellu bzonn il-chemo, u din m'hijiex cirkostanza li ma tistax tinghata. Meta hija rat li dan kien qed isir lill-kollegi taghha, l-affarijiet bdew isiru lilha wkoll.

Ix-xhud qalet ukoll illi hi stess kellha l-istess sitwazzjoni ghaliex ommha mardet. Kellha bzonn tassistiha l-isptar u kull darba kien ikollha glieda mal-Human Resources Manager tal-Hamrun. Fil-fatt ix-xhud qalet li damu sahansitra gimghatejn ma jkellmuha minhabba kwistjoni bhal din. Il-Human Resources Manager kienet Helen Vella Galdes u filfatt din hija s-*sister in law* ta' Rachel Vella.

Bhala *assistant manager* ix-xhud kellha tibda x-xoghol fit-tmienja u nofs. Suppost kien ikollhom siegha brejk u jekk il-hanut jaghlaq fis-sebgha u nofs ikollhom nofs siegha biex jirrangaw u ghalhekk titlaq mix-xoghol fit-tmienja. Pero' kien hemm cirkostanzi meta kienu jispiccaw fid-disgha ta' filghaxija u gieli dahlu fis-sebgha ta' filghodu minhabba d-domanda tal-klijenti. Taf li kien hemm perjodu ta' zmien anki li brejk ma kienx ikollhom u kien ta' ghaxar minuti biss. Ix-xhud qalet ukoll li ghall-ewwel huma kienu kuntenti li jahdmu f'cirkostanzi bhal dawn pero' maz-zmien is-sitwazzjoni saret impossibbli. Kien hemm stress kbir. Ix-xhud kompliet tghid li n-nies bdew igorru ghax ma kellhomx hajja, ma setghux jiltaqghu mal-hbieb. Ix-xhud qalet ukoll li sahansitra kien hemm anke minn beka. Fosthom kien hemm persuni bhal Edwina, wahda li jisimha Darlene Marshal, Jacqueline Zerafa li llum-il gurnata telqet ukoll u tahseb li ghandha kawza wkoll pendenti, ohra li jisimha Clara Farrugia li wkoll telqet, ohra Jessica Zammit, Stephanie Hodgkins li kienet hemm ghal hames snin u dawn kollha

telqu minn magħhom. Filfatt Stephanie Hodgkins kienet *retail manager* u kienet tieħu ħsieb *retail department*, rosters u *leave*.

Ix-xhud semmiet bħala eżempju li waqt li kienet tkun qed taħdem ikun hemm nies joqgħodu ħdejha josservaw ix-xogħol li kienet qed tagħmel. Ix-xhud stqarret li qatt m'għazlet biex tibda taħdem fis-sebgħa ta' filgħodu. Dan peress li kien ikun hemm *overbooking* ta' appuntamenti. Kien hemm proċedura li jekk persuna tidħol biex per eżempju tagħmel xagħrha fis-sebgħa, huma ma jgħidulhomx li ħa jagħlqu f'nofs siegħa. Ma setgħux jirrigettu klijenti u jgħidulhom li ma jistgħux jaqduhom u filfatt gieli kien ikun hemm Ms. Vella hemmhekk u kienet tgħidilhom biex ma jgħidulhomx il-klijenti li ħa jagħlqu.

Taf illi s-sistema tal-*leave* kienet illi f'Jannar huma kienu jipprogrammaw il-*leave* li jkollhom bżonn matul is-sena. Ix-xhud per eżempju kellha żewġ tigijiet l-Albanija u hi għandha razza Albaniża u ma setgħetx tmur għax ma kinitx applikat minn qabel. Filfatt fil-każ tagħha per eżempju kien ikun hemm ħafna *leave* fl-aħħar tas-sena li ma kienx jiġi użat u personalment ix-xhud stqarret illi ma kinitx waħda mid-diffiċli li tieħu *sick* u *leave* u kompliet tgħid li filfatt kien hemm biża' fost l-impjegati jekk jitolbu għall-*leave* kienet ħa tiġi rigettata.

Ix-xhud qalet li filfatt anke l-*managers* ma kienux *managers*, kienu qishom *supervisors* tagħha u qua *manager* lanqas setgħet tagħti xi *go ahead* lin-nies li jaqgħu taħtha. Deċiżjonijiet ma setgħetx tieħu. Ix-xhud qalet li għamlet sentejn taħdem hemm. Inglott huma kienu xi għoxrin ruħ u matul dawk is-sentejn kienu telqu ħafna *make-up artists*. Ix-xhud tikkonferma li ma taħdimx ma' Amanda Greaves u ħadmet magħha biss f'Inglott. Huwa minnu pero' li Jacqueline Zerafa taħdem magħhom. Il-kumpanija tagħha llum-il ġurnata hija Roseberry li huwa *retail shop* tal-*make-up perfumery*.

**Alkida Rama** xehdet in kontro-eżami fit-13 ta' Mejju, 2015. Meta kienet mistoqsija sabiex teżamina *time sheets* eżebiti fil-konfront ta' Amanda Greaves a

fol. 127 et sequitur tal-process, u biex tindika fejn effettivament Amanda Greaves spiccat ghal habta tat-tmienja, indikat hinijiet meta hija effettivament spiccat fit-tmienja neqsin kwart. Tghid li dan il-hin jinsab indikat a fol. 133. Indikat ukoll fol. 137 fejn hemm indikat li Greaves spiccat fit-8.28, hemm hin iehor 7.47, hin iehor 7.49, 7.52, 7.46 u 7.54. Dawn kollha jinsabu a fol. 137 tal-atti. Sostniet li fit-*time sheet* ta' Dicembru zgur li hemm indikazzjoni tal-hinijiet, pero' din ma kinitx ghad-disposizzjoni taghha. Mistoqsija meta kien li rrizenjat Amanda Greaves, ix-xhud wiegbet li ma tafx. Ix-xhud indikat fol. 137 fejn hemm indikat li Greaves kienet dahlet ghax-xoghol fil-5.59am u darba ohra fit-8.00am. Semmiet ukoll li a fol 132 hemm hin indikat li din dahlet ghax-xoghol fis-7.32am u drabi ohra fejn hemm indikat li dahlet fit-8.00. Sostniet li suppost jidhlu fl-ghaxra w fost it-*time sheets* ezebiti l-Qorti hemm uhud li huma neqsin. Qalet illi t-*time sheets* esebiti huma minn Frar sa Novembru pero' effettivament Amanda Greaves hadmet aktar minn sena, anzi fil-fatt ghamlet perjodu ta' kwazi sentejn tahdem. Ziedet li ghaldaqstant id-dokumenti m'humiex kompluti. Qalet li fil-fatt kien ikun hemm *breaks* ta' ghaxar minuti sa Dicembru u Mejju u Gunju meta jkun hemm hafna tigijiet. Tghid li bhala Assistant Manager kienet tigbed l-attenzjoni tal-management illi Amanda Greaves kienet qed tahdem dal-hinijiet twal hafna w ziedet li naturalment kien fl-interess taghhom li jaghmlu hekk. Issostni li pero' l-management ma kienx jaghti kaz. Ix-xhud tghid li naturalment hija kienet tindirizza dawn il-problemi lil ta' fuqha, fosthom Stephanie Hodgkins, (li llum m'ghadhiex tahdem mar-Rocs), Edwina Agius u Vanessa MacDonald. Qalet li llum dawn ma jahdmux maghha.

Meta giet mistoqsija jekk kinux jaghmlu *appraisal documents* ikkonfermat li kienu jaghmluhom. Spjegat li f'dawn l-*appraisal documents* ikun hemm karta w diversi dokumenti biex isaqsu dwar l-andament tal-impjegat. Qalet li kienu jimlewhom u jghadduhom lil Mr. Colin Aquilina. Tghid li suppost kull problema kienet titnizzel fuqhom, pero' zzid li hafna minnhom ma kinux ikunu realistici u dan ghaliex hafna nies kienu jibzghu li appena jghidu xi haga kontra d-dirigenti taghhom ma kinux jigu kumpensati w naturalment dejjem hasbu li riedu jidhru

sbieh ma' ta' fuqhom. Qalet li fil-fatt jekk inti turi verament dak li tkun qed thoss, tigi barra mit-tim, jigifieri jew maghhom jew kontra taghhom.

Ix-xhud qalet li hija ma tghallimtx tramite s-socjeta' attrici, w meta dahlet maghhom kienet gja t*rained*. Tghid li a fol. 71 hemm *employee self evaluation* ta' Amanda Greaves datat 31 ta' Dicembru 2010 meta x'aktarx li Amanda Greaves kienet ghadha kif bdiet l-impjieg taghha. Tirreferi ghall-ahhar domanda, cioe' fejn hemm miktub *additional comments*. B'referenza ghall-kummenti hemm imnizzlin, qalet li naturalment meta bniedem ikun ghadu qed jibda jkun ghadu kuntent. Sussegwentement giet murija fol. 87 tal-atti, li huwa *evaluation* tal-2012. B'referenza ghall-additional comments tal-2012, tghid li hemmhekk Amanda Greaves kellha taghti impressjoni tajba ghaliex xtaqet tiehu *promotion* peress li s-*senior makeup artist* l-ohra probabilment kienet telqet. Stqarret pero' li din hija l-opinjoni taghha.

In ri-ezami, ix-xhud Alkida Rama qalet li waqt li kienet impjegata ma' Inglott, taf li telqu diversi nies, fosthom ir-Retail Manager, is-Senior makeup artist, Amanda Greaves, Lara Farrugia u Jessica Zammit, apparti hi. Qalet li filli kienu tim kbir u filli llum meta tiltaqa' ma' certu nies fit-triq jghidulha li ma fadal hadd mit-tim li kienu.

**Donnha Marie Greaves** xehdet fl-4 ta' Marzu, 2015 fejn iddikjarat illi hija tigi oht Amanda Greaves tar-rispett. Filfatt hija mizzewga lil hu Amanda Greaves. Hija spjegat illi zzewget f'Awwissu tas-sena elfejn u hdax (2011) u Amanda Greaves kienet il-*maid of honour* taghha. Ix-xhud qalet li l-konvenuta kienet applikat ghal-leave f'Jannar pero' sa l-ahhar tax-xahar u cioe' sa Awwissu kien hemm hafna problemi u ma setghetx tghinha. Ix-xhud ilha midhla tal-familja Greaves disa' snin.

Mistoqsija jekk tafx dwar ic-cirkostanzi ta' missier il-konvenuta wiegbet illi taf. Spjegat illi ftit gimghat qabel it-tieg missier il-konvenuta kien gie *diagnosed* bil-

marda tal-kancer. Hija stqarret illi kien hemm hafna emozzjonijiet u li kien veru difficli ghalihom biex jghaddu minnha. Hija spjegat illi qeghdin tnejn ahwa Amanda. Ix-xhud stqarret illi Amanda dejjem fethet qalbha maghha u ma' omm Amanda stess.

Ix-xhud spjegat illi missierha kien ried hafna lill-konvenuta dak iz-zmien. Filfatt dak iz-zmien huha kien telaq mid-dar ghax kien izzewweg u Amanda biss kienet id-dar. Spjegat illi Amanda ma kienx ikollha cans sabiex takkompanja lil missierha l-isptar. Huma kienu jmorru jarawh waqt il-hinijiet tal-ftuh pero' Amanda ma kinitx tilhaq tmur ghaliex il-hinijiet tal-ftuh kienu waqt li hija kellha l-hin tax-xoghol mas-socjeta' attrici u ghalkemm hija suppost kienet tahdem sas-sebgha xorta ma kinitx tlahhaq biex tmur tarah. Hija kull ma tista' tghid huwa li waqt il-hinijiet tal-ftuh Amanda ma kinitx tkun tista' tmur tara l-missierha l-isptar ghax kienet ghadha xoghol. Il-hinijiet tad-dhul tal-isptar huma mis-sebgha u nofs sat-tmienja. Gieli filfatt ix-xhud kienet tmur ghal Amanda xi t-tmienja, it-tmienja u nofs u kienet tkun ghadha hemm.

**Edwina Busuttil** xehdet fit-8 ta' Lulju, 2015 fejn ikkonfermat li ghamlet xi zmien tahdem mas-socjeta' attrici w fil-fatt spiccat minn maghhom f'Lulju 2014 u damet tahdem maghhom sitt snin. Qalet illi l-konvenuta tafha ghaliex kienet tahdem mas-socjeta' attrici bhala make-up artist. Taf li sussegwentement lahqet bhala *senior make-up artist*. Bhala grad hi kienet tigi fuqha. Semmiet li jkun utli li wiehed jara l-*punch clock* ghaliex hemmhekk ikun hemm bl-ezatt kemm effettivament sieghat bniedem ikun jahdem ghax gieli jkollok l-impressjoni li tkun qed tahdem ghal aktar sighat. Dan tghidu b'referenza ghat-tielet paragrafu tal-affidavit ta' Amanda Greaves. Sostniet li meta persuna kienet tghidilha li kellha bzonn titlaq fis-sebgha, hi kienet tiehu hsieb li xi hadd mill-impjegati l-ohra jahsel il-kit biex jippruvaw jirrangaw. Stqarret li jekk ikun hemm xi klijenta li jkollha appuntament fis-sitta u nofs u tmur fis-sebgha neqsin kwart, din tinqeda xorta.

Stqarret li hi kienet tiehu pjacir tahdem ghax taqla' aktar flus u allura dejjem kienet toffri li taghlaq il-hanut hi bla ma zzomm nies ohra. Tiftakar li darba minnhom Amanda Greaves kienet qaltilha li kienet stressjata ghaliex is-Sibt ta' qabel kellha hafna nies li riedu bilfors lilha w fil-gimgha ta' wara hi (x-xhud) hadet hsieb li Amanda tibda fl-ghaxra neqsin kwart sas-sebgha ta' filghaxija, bi *break*. Qalet pero' li sa fejn tiftakar, kien dakinhar biss li din ghamlet dan l-ilment. Rigward is-seba' paragrafu tal-affidavit ta' Amanda Greaves, tghid illi meta kienet tahdem tahtha, dan qatt ma sehh.

Rigward il-leave, ix-xhud spjegat li dan kien jigi ppjanat fil-bidu tas-sena. Personalment hi kienet komda b'din is-sistema ghax setghet tippjana l-vaganzi taghha w tkun certa li dak iz-zmien kien se jkun taghha zgur.

Tiftakar li f'xi okkazjoni certu Sandy Mallia u Amanda Greaves riedu l-leave fl-istess zmien, pero' Sandy Mallia kienet ibbukkjat qabel. Peress li dawn it-tnejn kienu senior make-up artists ma setghux jiehdu l-leave flimkien ghax ma jistax ikollok hanut minghajr *senior make-up artists*. Ghalhekk kellhom jirrangaw bejniethom biex ghall-inqas ikun hemm wahda minnhom prezenti fuq ix-xoghol. Tghid illi peress li Sandy kienet tahdem hemm qabel, kellha s-*seniority*, izda mbaghad din xorta kienet offriet lil Amanda w taghtha xi leave.

Cahdet li kienet taf li Greaves kellha xi problema fl-intestini taghha. Taf li min ikollu Irritable Bowel Syndrome juza t-*toilet* spiss u ma jidhrilhiex li Amanda kellha din il-problema. Tghid li bhala manager ma setghetx taqbad u tibghat in-nies kif jghidulha li kienu sick, izda kienet iccempel lill-Head of Administration ghall-approvazzjoni biex tkun tista' tibghathom u qatt ma kellha problema biex taqbad lill-Head of Administration. Tghid li sakemm jibaghtuhom forsi kienet tghaddi nofs siegha jew siegha. Issostni li bhala *general manager* kellha *targets* ta' hanut shih biex tipprova tilhaq u jekk tali targets ma jintlahqux kellha taghti spjegazzjoni.

Stqarret li effettivament xi erba' gimghat qabel kellha tixhed kienet rat l-affidavit. Rigward l-incident li jissemma a fol 151 fit-tieni paragrafu tal-affidavit ta' Greaves, tghid illi tiftakar x'kien gara u spjegat li kien ikollhom *look* u kien hemm bzonn li jzommu mieghu. Gara li kien hemm erba' *staff members* li effettivament ma kinux qeghdin juzaw il-*lipstick* tal-*look* izda *lipstick* iehor. Certu Ms. Vella kienet staqsietha ghaliex ma kellhomx dak il-*lipstick* u hi ammettiet li ma kinitx taf ghaliex u marret biex tkellem lil Greaves.

Qalet li Alkida Rama kultant kienet tghidilha li hi bla hajja ghalkemm effettivament kienet issiefer tliet darbiet f'sena. Pero' sostniet li kull xoghol fih it-tajjeb u l-hazin tieghu u ziedet li l-iktar haga li kienet idejjaqha kien id-dizgwid bejn l-istaff u affarijiet li jghidu biex iweggghu lil dak li jkun personalment bhal meta Alkida Rama ghaddiet kumment dwar il-figura taghha (tax-xhud). Tghid illi dakinhar kienet bkiet hafna u Ms Vella kienet ikkunslata billi qaltilha li m'ghandux x'jaqsam l-apparenza, basta tkun smart.

Sostniet li telqet mix-xoghol wara hmistax-il sena ghaliex riedet tbiddel il-linja u mhux ghax kellha problemi fuq ix-xoghol. Tghid illi l-*manager meetings* kienu jsiru kull nhar ta' Tlieta u kienu jiltaqghu il-*managers* kollha biex jiddiskutu l-*concerns* taghhom u x'jistghu jizviluppaw. Tghid li Alkida kienet Assistant Manager u sussegwentement lahqet Manager u konsegwentement kienet tattendi wkoll ghal dawn il-meetings fejn kien ikun hemm prezenti wkoll Colin Aquilina u Amanda Greaves (meta kien ikun hemm bzonn, izda mhux dejjem), kif ukoll Darleen Marshall. Dwar Amanda Greaves jew Alkida Rama ma tafx li kien hemm xi problemi.

Semghet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw il-mertu tal-kaz nhar it-13 ta' April 2014 fejn in segwitu talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti in breve kienu s-segwenti:-

1. Is-socjeta' attrici kienet impjegat lill-konvenuta u dan bhala '*make up* artist' skond kuntratt tax-xoghol esebit fl-atti mmarkat bhala Dok A a fol. 2 tal-process datat 22 ta' April 2010 u dan skond il-klawsola numru 2 ghall-perjodu definittiv ta' erba' snin b'effett mis-26 ta' April 2010 taht il-kundizzjonijiet hemm imsemmija. (skond klawsola numru 5 (a)).
2. Jinghad li f'dan il-kuntatt hemm miftiehem bejn il-partijiet fil-klawsola numru 20 (a) li "*This agreement constitutes the entire agreement between the parties hereto and supersedes any previous agreements and/or understandings, whether oral or in writing. There are no other agreements, contracts, underakings, representations or warranties either collateral, oral or otherwise in existence between the parties hereto in relation to matters covered by this Agreement.*"
3. Illi l-konvenuta bdiet l-impieg taghha b'mod regolari sakemm nhar l-14 ta' Dicembru 2012 hija baghtet ittra ta' rizenja lis-socjeta' attrici mmarkata bhala Dok CSH esebita fl-atti a fol. 13 u dan ghaliex tistqarr li kellha titlaq mix-xoghol minhabba '*constructive dismissal'* da parti tas-socjeta' attrici.
4. Illi s-socjeta' attrici qed tippretendi li l-konvenuta ghalhekk ghandha thallasha s-somma ta' €6,407.45 rapprezentanti nofs il-hlas ta' salarju li kienet tkun intitolata ghalih l-konvenuta li kieku baqghet fl-impieg taghha tul il-perijodu kollu tal-kuntratt definittiv peress li telqet mix-xoghol fil-perjodu operattiv tal-kuntratt definittiv taghha.
5. Minn naha l-ohra l-konvenuta qed tghid li l-flus mitluba mhux dovuti ghaliex hija kellha ragunijiet validi u sufficjenti fil-ligi sabiex ma tkomplix fl-impieg taghha mas-socjeta' attrici.
6. Illi ghalhekk huwa l-kompitu ta' din il-Qorti sabiex tezamina x-xhieda sabiex tara jekk effetivament ir-ragunijiet moghtija mill-konvenuta ghat-terminazzjoni unilaterali tal-impieg taghha kienux validi u gustifikati.

Jinghad li jemergi b'mod car li kull impjegat ghandu obbligu ta' fedelta` lejn min jimpjegah matul iz-zmien ta' l-impieg u dan iffisser li kull impjegat għandu jagixxi in *buona fede* u ma jistax iqarraq b'min jimpjegah. Dan l-obbligu ta' fedelta` gie spjegat kif gej mill-*Alberta Court of Queen's Bench* fl-ismijiet **'CRC-Evans Canada Ltd vs Pettifer' ((1997), 197 A.R. 24 (Q.B.)):**

"*it has long been accepted that there is a fundamental term implied in every contract of employment. The employee is expected to serve his employer honestly and faithfully during the term of his employment. This duty of fidelity permeates the entire relationship between employer and employee. It is a flexible concept that is paramount to the basic relationshhip. There is an implied obligation placed upon the employee to act in the best interests of the employer at all times. The employee shall not follow a course of action that harms of places at risk the interests of the employer.*"

M'hemmx dubju li l-kariga tal-konvenuta bhala *make up artist* mas-socjeta' attrici min-natura tagħha "timponi obbligazzjonijiet fiducjarji. Fil-fatt l-Qorti isahhah it-tesi taghha billi tikkwota mill-kaz fl-ismijiet '**University of Nottingham vs Fishel'** **[2000] ICR 1462, 1491** fejn semma li fil-qrati tal-*common law*, minn fejn impurtajna l-kuncett ta' *Fiduciary Obligations* flimkien mal-kuncett tat-*Trusts* bl-emendi li dahlu fis-sehh fl-1 ta' Jannar, 2005, jghidu kif gej:

*"the employment relationship is obviously not typically fiduciary at all. Its purpose is not to place the employee in a position where he is obliged to pursue his employer's interests at the expense of his own. The relationship is a contractual one and the powers imposed on the employee are conferred by the employer himself. The employee's freedom of action is regulated by the contract, the scope of his powers is determined by the terms of the contract and as a consequence, the employer can exercise considerable control over the employee's decision-making powers...[fiduciary obligations arise] not as a result*

*of the mere fact that there is an employment relationship. Rather they result from the fact that within a particular contractual relationship there are specific contractual obligations (express or implied) which the employee has undertaken which have placed him in a situation where equity imposes these rigorous duties in addition to the contractual obligations. Where this occurs, the scope of the fiduciary obligations both arises out of and is circumscribed by the contractual terms*".

Illi huwa ben not illi ftehim bejn il-partijiet jorbot lill-istess partijiet sakemm ma jkun hemm xejn li jmur kontra l-ligi f'dak il-ftehim. Dan huwa dak li hu maghruf bhala *pacta sunt servanda*. Kif inghad, huwa ta' importanza massima fil-ligi dwar relazzjonijiet bejn persuni u l-partijiet kontraenti "*li l-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda" (*ara A.C. datat 5 ta' Ottubru, 1998 fl-ismijiet "**Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Nginier Civili Anthony Spiteri Staines**" u "**General Cleaners Company Limited vs Accountant General**" – P.A. (RCP) – 29 ta' Novembru 2001).

Principju iehor generali li japplika ghall-interpretazzjoni ta' kuntratti huwa dak kontenut fl-**Artikolu 993 tal-Kap. 16** fejn il-ligi tesigi li l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-bona fede u li dawn jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skond ix-xorta taghha, bl-ekwita', bl-uzu jew bil-ligi. Infatti fis-sentenza moghtija nhar il-15 ta' Dicembru 2004 fl-ismijiet '**Michael Pace vs Richard Micallef pro et noe**' inghad ukoll li *"Il-Qorti (dik ta' l-Appell Superjuri) tifhem li fil-kuncett tal-bona fidi jidhol ukoll certu element ta' ekwita' kif ukoll ta' sens prattiku u morali li jigi vjolat mhux biss meta konfrontat b'agir specifiku doluz biex jaghmel il-hsara, izda ukoll b'dak il-komportament li jkun ghal kollox sproporzjonat u li ma jkunx accettabli skond in-normi stabbiliti tas-socjeta' u tallogika guridika."*

L-**Artikolu 992(1) tal-Kap. 16** jipprovdi li *"Il-kuntratti maghmula skond il-ligi ghandhom is-sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom."* u s-sub inciz (2) ikompli*: "Dawn il-kuntratti ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew ghar-ragunijiet maghrufin mil-ligi."*

M'hemmx dubju li l-iskop kollu ta' kuntratt huwa biex il-partijiet ikunu jafu fejn qeghdin f'dak li huma drittijiet w obbligi taghhom. M'hemm xejn hazin illi l-partijiet jiftehmu, minn qabel x'ghandhom ikunu d-danni f'kaz ta' xi nuqqas, u fil-fatt, kemm-il darba f'kuntratti ta' certa importanza ssib klawsola li tillikwida minn qabel id-danni f'kaz ta' dewmien jew ksur tal-kuntratt, u dawn jigu onorati mill-Qrati. Hafna drabi din tiehu l-forma ta' penali, li meta tkun hekk kontrattata tirraprezenta kumpens ghad-danni minhabba non-ezekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni.

***L-Artikolu 1138 tal-Kodici Civili**, fil-fatt, espressament jippermetti ftehim simili, meta jghid "Meta l-ftehim jistabbilixxi illi l-parti li tonqos mill-esekuzzjoni tieghu ghandha thallas somma determinata bhala danni, ma tistax tigi moghtija lill-parti l-ohra somma akbar jew izghar".*

Issa l-penali stabbilita bejn il-partijiet hija, bhala regola meqjusa bhala klawsola li tirrapprezenta d-danni preventivament likwidati minhabba non ezekuzzjoni ta' obbligazzjoni vide *'**Antonio Tabone noe vs Negoziante Joseph Tabone'*** deciza mill-Qorti tal-Kummerc nhar l-24 ta' Novembru 1950. L-Awtur famuz Taljan Ricci fil-ktieb tieghu '**Corso Teorico Pratico di Diritto Civile'** Vol. VI p 245 jispjega illi klawsola penali hija ntiza bhala *"un obbligazione accessoria avente il duplice scopo di assicurare l'adempimento dell'obbligazione principale e di stabbilire l'identita' dovuta nel caso di non adempimento della medesima."*

**L-Artikolu 1118 tal-Kap 16** jipprovdi li *"Il-klawsola penali hija dik li biha wiehed sabiex jizgura l-ezekuzzjoni ta' ftehim jobbliga ruhu ghal xi haga fil-kaz li jonqos li jezegwieh"* u is-sub inciz (1) jipprovdi *"il-penali hija kumpens tal-*

*hsara li jbaghti il-kreditur minhabba in-nuqqas ta' l-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni principali."*

Issa fil-kaz in ezami jirrizulta li fil-kuntratt miftiehem bejn il-partijiet kien hemm penali dovuta lis-socjeta' attrici f'kaz ta' nuqqas ta' adempjenza da parti tal-konvenuta. Il-konvenuta hija obbligata bil-kundizzjonijiet kollha msemmija fil-kuntratt Dok A, inkluz dik li tahdem ghal perijodu ta' erba' snin una volta l-probation taghha tnehhiet. Jirrizulta li kienet l-konvenuta stess li tterminat l-impieg taghha b'mod unilaterali meta baghtet l-ittra taghha ta' rizenja u ghalhekk l-Qorti trid tara jekk dik ir-raguni ghaliex telqet kinitx wahda gustifikata fic-cirkostanzi.

Illi permezz ta' din l-azzjoni s-socjeta' attrici qed titlob hlas minghand il-konvenuta ta' nofs il-paga bazika li l-istess konvenuta kienet tkun intitolata ghaliha kemm-il darba kompliet fl-impieg taghha sa tmien il-perjodu tal-kuntratt ta' impieg, li kellu jiskadi fil-26 ta' April 2014. Illi permezz ta' ittra datata 14 ta' Dicembru 2012, il-konvenuta gharrfet lis-socjeta' attrici li kienet qed tirrizenja mill-impieg taghha u dan b'effett mil-15 ta' Dicembru 2012. Illi ghalhekk kien fadal erba' mija u sitta u disghin (496) gurnata sa tmiem il-perjodu ta' impieg, u s-socjeta' attrici qed titlob hlas minghand il-konvenuta ta' ammont ekwivalenti ghal nofs il-paga bazika taghha ghall-perjodu msemmi. Illi in segwitu ghal din l-ittra l-konvenuta ma resqitx aktar ghax-xoghol, u l-istess konvenuta lanqas ma hadmet in-*notice period* relattiv li, ai termini tal-provvedimenti tal-Artikolu 36(5) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta, kien ta' erba' (4) gimghat.

Illi Artikolu 36 (12) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:
"*An employee who abandons the service of his employer before the time definitely specified by the contract of service shall pay to his employer a sum equal to one-half of the full wages to which he would have become entitled if he had continued in the service for the remainder of the time so specifically agreed upon:".*

Illi ghalkemm fit-test Ingliz hemm l-uzu tal-kellma "*abandon*", madanakollu, it-test Malti juza l-kelma "*jitlaq*", li hija aktar generika u tinkludi kemm cirkostanzi fejn wiehed jirrizenja mill-impieg u anke f'kaz ta' abbandun ta' impieg.

Illi pero' nonostante dan l-Artikolu 36 (14) – jipprovdi ghal deroga minn din ir-regola, u dan in kwantu jipprovdi kif gej:

"*Hemm x'hemm fid-disposizjonijiet ta' hawn qabel f'dan l-artikolu, principal jista' jibghat impjegat u l-impjegat jista' jitlaq is-servizz tal-principal, minghajr ma jaghti avviz u minghajr ebda obbligu li jaghmel hlas kif dispost fis-subartikoli (10), (11) u (12) jekk ikun hemm raguni tajba u bizzejjed biex dak l-impjegat jintbaghat jew jitlaq mis-servizz.*"

Illi fil-kaz odjern, ir-raguni li giet indikata mill-konvenuta fl-ittra ta' rizenja taghha Dok CSH kienet "constructive dismissal" minghajr ma gie spjegat x'kienu dawn ir-ragunijiet. Illi kif gie dikjarat mill-Qorti tal-Appell fid-decizjoni taghha fil-kawza fl-ismijiet '**Cavendish Hotels Limited vs Jesmond Beck'** deciza fit-23 ta' Novembru 2005:

*" ... din il-kawza gusta jew raguni tajba trid tigi rigorozament pruvata minn min jadduciha bhala liberazzjoni mill-konsegwenzi li ssemmi l-ligi; f'dan il-kaz, il-konvenuta-impjegata." Illi ghalhekk jispetta lill-istess konvenuta illi tressaq provi sabiex tfiehem il-htiega li titlaq minn dan l-impieg, u konsegwentement li tinhall minn dan il-ftehim;. Illi ghalhekk il-konvenuta trid permezz ta' xhieda tipprova l-elementi rikjesti ex lege sabiex tapplika din id-deroga fil-konfront taghha in rigward ir-rizenja taghha mill-impieg mas-socjeta' attrici.*

Illi dwar dan il-kriterju tar-"raguni tajba u bizzejjed" ikun opportun illi ssir referenza ghad-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell li nghatat fil-kawza fuq

imemmija fl-ismijiet '**Cavendish Hotels Limited vs Jesmond Beck'** **(2379/2003PS)**, fejn gie dikjarat kif gej:

"*Jidher li kemm id-dottrina legali kif ukoll il-gurisprudenza jirritjenu li l-koncett tar-"raguni tajba u bizzejjed", mhux definit mil-ligi, hu ravvizat f'dawk il-fatti u mgieba tali li jgibu t-tnaqqis ta' dik il-fiducja, hekk kostitwenti l-presuppost essenzjali tar-rapport principal – impjegat. Oltre l-inadempjenza kontrattwali* per se, *fir-"raguni tajba" jirrientraw fatti kemm soggettivi kif ukoll objettivi. Kull valutazzjoni dwarhom trid issir b'riferiment ghal dawk l-aspetti konkreti, kollegati man-natura tar-rapport singlu, il-posizzjoni tal-partijiet fl-azzjenda jew stabbiliment, u mhux l-anqas il-portata soggettiva tal-fatt innifsu, ossija c-cirkostanzi verifikati fil-motivi u l-intensita' taghhom, kompriz kull aspett iehor korrelat li jista' jincidi negattivament fuq ir-rapport; …."*

Kif inghad minn din l-istess Qorti kif komposta fis-sentenza taghha moghtija fl-ismijiet '**Lufthansa Technik vs Ramon Caruana'** deciza nhar is-7 ta' Mejju 2014 (liema sentenza illum hija res judicata stante li l-appell li gie intavolat mis-socjeta' attrici appellanti gie rtirat quddiem il-Qorti tal-Appell) li:

"*Ikun hemm lok ta' constructive dismissal meta l-impjegat, ikun imgieghel jirrizenja mix-xoghol tieghu minhabba cirkostanzi ta' natura negattiva fuq il-lant tax-xoghol jew/u jkun hemm xi ksur fundamentali tal-kundizzjonijiet fil-kuntratt ta' impjieg. Per ezempju, meta l-impjegat ikun talab l-assistenza ta' haddiema ohra, izda minkejja l-htiega ta' dan, it-talba ma tkunx giet accettata, b'hekk ikun hemm rizultat ta' stress qawwi fuq l-impjegat peress li ma jkunx qieghed ilahhaq ma' xogholu u jkollu jiddedika hafna aktar hin milli suppost ghax-xoghol tieghu u anke ma jiehux il-leave li huwa ghandu dritt ghalih. Ezempju iehor huwa meta persuna taghmel xoghol li jkun jeccedi bi kbir il-job description tal-pozizzjoni taghha, u taghmel dan ghall-istess paga, jew l-impjegat jigi mghajjar mill-klijenti jew kollegi, u l-principal ma jaghmel xejn biex jara kif jista' jtejjeb il-kundizzjonijiet tax-xoghol.*

*Irid jigi ppruvat li hemm ksur fundamentali tal-kuntratt ta' impjieg, b'kundizzjonijiet li jgieghlu lill-impjegat jitlaq u jirrizenja mill-post tax-xoghol tieghu.*

*In fatti, the duty to maintain trust and confidence means that an employer must not, by his conduct, destroy or seriously damage the relationship of mutual trust and confidence between the parties.*[1] *Dan jinkludi wkoll l-fatt li l-principal ma jiehux bis-serjeta' xi lmenti da parti tal-impjegati tieghu.*

*Wiehed jista' jiccita wkoll il-kawza fl-ismijiet '__Morrow vs Safeway Stores__' [2002] IRLR 9 fejn l-Employment Appeal Tribunal Ingliz qalet li: "if there has been conduct by the employer likely to destroy or seriously damage the trust and confidence relationship this will mean, inevitably, that there has been a fundamental breach going to the root of the contract and entitling the employee to resign and claim constructive dismissal. No distinction can be made between degrees of seriousness of the breach of this implied term."*

Fil-kaz – '**__Miriam Reid ID Card Number 383757(M) vs Kestrel Services Limited C12983'__**– Tribunal Industrijali, irrizulta illi kien hemm lok ta' constructive dismissal, peress li kien jidher b'mod car li l-attrici infurmat lill-principal taghha bil-kundizzjonijiet tax-xoghol, li ma kienu xejn tajbin u li l-attrici kellha tahdem fihom. L-attrici kienet hadet dawk il-mizuri kollha possibli ghaliha biex taghti l-opportunita' lill-principal taghha jameljora l-kundizzjonijiet, u dan billi infurmatu verbalment, kif ukoll permezz ta' diversi emailsipprezentati fil-kawza, izda l-principal qatt ma ha dawk il-passi rikjesti u ghalhekk l-attrici kienet imgieghla titlaq bl-agir tal-principal taghha.

Ghalhekk it-tliet elementi li jridu jigu ppruvati in rigward constructive dismissal huma: (1) li kien hemm ksur car, kemm jekk espress kif ukoll implicitu, da parti

1 Bracebridge Engineering Limited vs Darby [1990] IRLR 3

tal-principal tal-kuntratt ta' impjieg; (2) il-ksur kien ta' natura serja li tiggustifika r-rizenja tal-impjegat mix-xoghol tieghu, u fil-fatt l-impjegat irrezenja minhabba dan l-agir; u (3) l-impjegat ma accettax dan il-ksur, fis-sens li rrizenja mix-xoghol hafna zmien wara li sehh l-agir.[2]

Illi skond ix-xhieda moghtija mill-konvenuta jirrizulta principalment li l-konvenuta stqarret li ma setghetx tkompli tahdem mas-socjeta’ attrici peress li s-socjeta’ attrici kienet tippretendi hafna minghandha billi thaddimha hinijiet twal, li kellha diffikoltajiet biex tiehu leave meta kellha bzonn jew meta xtaqet, li l-atteggjament tas-superjuri taghha kien wiehed ezigenti minghajr ebda kompassjoni. Tghid li kienet tahdem non-stop u li ma kien ikollha hin ta’ xejn ghaliha jew sabiex taghmel il-pjanijiet taghha. Kienet ghajjiena hafna tant li sahansitra kienet qed tispicca tahdem tnax-il siegha kuljum kwazi kwazi minghajr ebda break ta’ xejn u meta fil-fatt kien ikollha break dan ma kienx jeccedi il-hmistax-il minuta li talvolta kien jigi estiz ghal nofs siegha f’shift ta’ tnax-il siegha. Qalet li matul il-perjodu tal-Milied kienet tahdem kuljum sebgha granet fil-gimgha inkluz jum il-Hadd u public holidays. Qalet li dwar il-leave kellhom ta’ bilfors jippjanaw is-sena kollha bil-quddiem u f’kaz li jinqalghalhom il-bzonn matul is-sena kienet tkun kwazi xi haga trawmatika li titlob leave addizzjonali. Spjegat kif fis-sena 2011 kien ser jizzewweg huha u kienet talbet ghal gimgha leave fil-bidu tas-sena pero’ tghid li dan il-leave ma giex approvat sa erbat ijiem qabel it-tieg u fil-fatt inghatat biss erbat ijiem minkejja li talbet gimgha. Tghid li missierha kien gie diagnosed b’kancer u meta kienet titlob sabiex tiehu l-leave sabiex takkompanja lil missierha lejn l-isptar ghal chemotherapika, minkejja li l-emergency leave taghha kien gie approvat hija u sejra lejn l-isptar irceviet telefonata minghand kollega taghha Alkida Rama sabiex tidhol ghax-xoghol fis-saghtejn ta’ wara nofsinhar u wara cemplitilha anke Helen Vella Galdes u Colin Aquilina stess u talbuha biex tidhol ghax-xoghol minkejja li ma tantx kienet tiflah. Tispjega kif f’okkazjoni ohra talbet li tinghata il-leave sabiex takkompanja lil misseriha ghal Pat scan gewwa l-isptar St

2 <http://www.timeshighereducation.co.uk/406970.article.>

James pero' cahdulha it-talba taghha. Tghid li darba minnhom irceviet telefonata minghand ommha fejn kienu ircevew rizultat ta' missierha li s-sahha tieghu kienet qed tiddeterjora ghaliex il-kancer tieghu kien mexa u bdiet tibki u meta talbet sabiex tiehu hin off mill-leave taghha peress li ma kellhiex mohh tahdem, din it-talba ukoll giet michuda. Tispjega ukoll illi kien hemm granet meta hija tkun sick u kienu icemplulha mix-xoghol sabiex tirraporta lura lejn ix-xoghol. Anke meta kienet timrad fuq ix-xoghol kienu jghaddu is-sieghat qabel ma jillicenzjawha. Anke bejn id-29 u 30 ta' Dicembru 2011 kienet ma tiflahx u irceviet telefonata mix-xoghol li fil-31 ta' Dicembru 2011 kellha tidhol lura ghax-xoghol minkejja li kienet qeghda tikkonvalixxi u kellha tara hmistax-il klijent.

Qalet li ma tantx kienet tigi murija rispett u effettivament kellha hafna stress minhabba it-targets li kellha tilhaq tant li kellha taghmel mill-inqas sitt elef ewro (€6,000) sales fix-xahar. Minkejja dan tghid li darba minnhom kienet rebhet zjara ghal Ruma minhabba t-targets li kellha ghax-xahar ta' Dicembru. Tghid li s-socjeta' attrici kienet tikkreja pika bejn il-haddiema li kien ikun hemm hafna back stabbing bejn it-tfajliet u *gossiping* u *friction.* Tant li l-atmosfera spiccat wahda impossibli biex tahdem fiha. MInkejja dan kollu tghid li kienet inghatat promotion f'Gunju 2012 minkejja li xahar qabel kienet giet ammessa l-isptar tbaghti minn *severe palpitations* li kienu stress induced. Hija sahansitra esebiet certifikat mediku rilaxxjat mill-Psikjatra Dr George Debono datat 7 ta' Dicembru 2012, liema certifikat gie konfermat minnu (fol 153) fejn gie indikat li kienet qed issofri minn *acute anxiety depression syndrome* u kkonkluda li dan kien kagun tal-kundizzjoni tax-xoghol taghha u kien taha medikazzjoni u kien sahanstira anke taha parir biex tbiddel l-impieg taghha. Esebiet ukoll ticket of referral fl-Isptar Mater Dei datat 21 ta' Mejju 2012 fejn hemm indikat li l-konvenuta kienet qed tbaghti minn *chest pain* u *palpitations.* Esebiet ukoll certifikat mediku rilaxxjat minn Dr Taygeta Firman datat 6 ta Novembru 2010 fejn hemm indikat li kellha stress related *gastro enteritis* u li kellha tistrieh ghal sitt ijiem u ma tattendix ghax-xoghol ghal perjodu ta' sitt ijiem u in oltre sabiex meta tirritorna

lura ghax-xoghol kellha tiehu breaks ta' tlett sieghat sabiex tiekol ikel f'ammonti zghar fuq bazi regolari.

Clara Farrugia ukoll xehdet b'affidavit u kkonfermat dak li qalet il-konvenuta fis-sens li kienet tahdem hinijiet twal hafna. Ikkonfermat ukoll li ma kienux ituha break lanqas biex tiekol u li l-manager Stephanie Hogdkins kienet tghidilha biex tiekol fit-toilet bil-hatfa biex ma tahlix hin. Qalet hija talbet diversi drabi sabiex tinghata il-leave pero' dawn kienu jigu michuda fil-maggor parti u meta t-talba taghha kienet tigi milqugha kienet tkun fl-ahhar mument u ghalhekk ma setghet tippjana xejn. Ikkonfermat ukoll li meta kienet tkun bis-sick leave kienu icemplulha mix-xoghol sabiex tidhol u ghalhekk kien hemm hafna okkazjonijiet meta dahlet ghax-xoghol minkejja li ma kinitx tkun tiflah. Qalet li dan l-agir ikkrejalha hafna stress u ghalhekk kienet tibki hafna. Qalet li kellhom hafna pressure ukoll sabiex taghmel sitt elef ewro fix-xahar bhala sales minkejja li kienet tahdem part time. Hija spiccat telqet mix-xoghol ukoll ghax ma felhitx aktar.

Il-konvenuta resqet ukoll lill-ommha Maria Stella Greaves sabiex tikkolobora il-verzjoni taghha u cioe' li hija telqet mix-xoghol ghax ma felhitx aktar bil-kundizzjonijiet imposti fuqha. Ikkonfermat li ghall-ewwel bintha Amanda kienet kuntenta hafna fuq ix-xoghol pero' maz-zmien indunat li kien impossibbli ghaliha li tibqa' tahdem hemm mid-9.00am sat-8.30 p.m. Qalet li missierha kien qed imut u lanqas ma setghet tgawdih xejn. Qalet li anke meta kien ser jizzewweg huha Ryan kellha problemi sabiex tiehu l-leave minkejja li kienet ser tkun maid of honour. Anke meta talbitha takkompanjaha l-isptar kellha problemi biex tiehu l-leave. Qalet li bintha kienet mardet fuq ix-xoghol u kienet ser tmarrad lilha. Qalet li spiccat hadhet it-tifla ghand Psikjatra fuq rakkomandazzjoni tat-tabib tal-familja taghhom Dr Paul Falzon u dan kien irrakomandalha sabiex it-tifla titlaq mix-xoghol. Qalet li bintha kienet tifla ferriehija u kuntenta qabel ma bdiet b'dan l-impieg. Ikkonfermat li wara li bintha kient tmur ix-xoghol fil-hanut ta' Inglott kienet tirritorna lura d-dar tibki. Darba

minnhom kien cempel missierha lil Colin Aquilina u qallu li bintu ma kinitx ser tmur aktar lejn ix-xoghol.

Luke Zammit l-gharus tal-konventua ukoll jghid li l-konvenuta kienet tahdem hinijiet twal hafna u li kienet tmur id-dar imbikkma mix-xoghol minhabba l-istress li kien jaqbadha minhabba l-hinijiet twal. Qal li minkejja li l-hanut jaghlaq fis-sebgha gieli kien imur ghaliha u kienet tohrog mill-hanut fit-tmienja u kwart. Qal li kien hu li akkompanjaha ghand Dr Falzon u dan kien qallha li kellha eating disorder li huwa IBS Irritable Bowel Syndrome u dan ghaliex il-break ma kienx ikun fl-istess hin u ma kinitx tiekol kif suppost bil-kalma. Qal li l-konvenuta kellha tispicca mix-xoghol ghaliex kienet mardet tant li anke ghand Psikjatra marret ghall-kura. Illum-il gurnata jghid li l-konvenuta tahdem mas-Citadel Insurance u tinsab kuntenta.

Alkida Rama, ex-impjegata mas-socjeta' attrici tikkonferma dak kollu li qalet il-konvenuta dwar il-kundizzjonijiet tax-xoghol u tghid li minhabba l-istess ragunijiet hija kienet ukoll telqet mix-xoghol. Ikkonfermat li ma kienux jiehdu l-break u li sahansitra anke kienu jahdmu wara li l-hanut kien jaghlaq bla waqfien. Tghid li ghall-ewwel dan hu possibli pero' maz-zmein ikollok ezawriment u s-sitwazzjoni issir impossibbli. Tghid li kien hemm stress kbir fuq ix-xoghol. Qalet li maghhom kien hemm persuni ohra li telqu fosthom Darlene Marshal, Jacqueline Zerafa, Jessica Zammit, Stephanie Hodgkins, Clara Farrugia u Edwina. Kien hemm biza' fost l-impjegati li ma tistax titlob ghal leave ghaliex kienet tigi rigettata. Qalet li l-leave trid tapplika ghalih fil-bidu tas-sena u jekk jinqala' xi haga matul is-sena li mhux prevista ma tkunx tista tattendi bhal per ezempju meta riedet tmur tara l-familjari taghha gewwa l-Albanija ghaliex kienu ser jizzewgu xi familjari taghha pero' ma setghetx tmur ghaliex ma kinitx applikat fil-bidu tas-sena. Tghid ukoll in kontro-ezami li effettivament kienet tattira l-attenzjoni tal-manager taghha Stephanie Hodgkins ghall-fatt li l-konvenuta kienet tahdem sieghat twal sabiex forsi tintervjeni f'dan ir-rigward pero' tghid li ma kinitx taghti kasha.

Donnha Marie Greaves tikkonferma ukoll dak li qalet il-konvenuta dwar l-istat ta' sahha hazina li spiccat biha l-konvenuta minhabba dan ix-xoghol li kienet taghmel ta' make up artist. Qalet li l-hinijiet taghha kienu twal hafna u kienet tkun dejjem xoghol u ma kellha hajja ta' xejn. Qalet li anke meta missierha kien l-isptar qatt ma setghet tmur hdejh ghaliex il-visiting hours kienu bejn is-sebgha u nofs u t-tmienja u dak il-hin kienet tkun xoghol kwazi kuljum.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li l-konvenuta uriet ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li verament hija kellha problema fuq ix-xoghol u li sahansitra kienet qed timrad minhabba il-kundizzjonijiet tax-xoghol. M'hemmx dubju li c-certifikazzjoni medika li iggib dati differenti waqt l-impieg li l-konvenuta kellha mas-socjeta' attrici jikkonfermaw li effettivament il-konvenuta kellha problemi ta' sahha u kif gie suggerit lilha mill-Psikjatara hija kellha tbiddel l-impieg taghha. Gie ukoll konfermat minn diversi xhieda prodotti minnha li dak li allegat dwar hinijiet twal, nuqqas ta' leave fiz-zmien rikjest, nuqqas ta' breaks adegwati u stress qawwi fuq ix-xoghol kienu kwistjonijiet ta' kuljum.

Minn naha l-ohra is-socjeta' attrici resqet lil Colin Aquilina jixhed u jghid li l-konvenuta kienet kuntenta hafna li giet impjegata mas-socjeta' attrici tant li esebixxa ittri fejn l-konvenuta stess irringrazzjatu tal-opportunita' li nghatat. Pero' fl-ebda hin ma gie kontestat minnu li effettivament verament l-konvenuta kienet qed timrad fuq il-post tax-xoghol minhabba s-sieghat twal u stress li kellha. Lanqas ma gie michud minnu li kien hemm diversi nisa li telqu mix-xoghol qabel minhabba il-kundizzonijiet stressanti tax-xoghol. Colin Aquilina jesebixxi l-payslips sabeix jipprova jindika lill-Qorti li effettivament il-konvenuta kienet tahdem b'mod regolari u li in effetti dejjem inghatat leave u li mhux minnu dak li qalet. Jaghti l-impressjoni li din hija kollha *mise en scene* tal-konvenuta u cioe' bhala skuza sabiex timpjega ruhha band'ohra. Minkejja dan fil-process hemm ukoll esebit korrispondenza li baghtet il-konvenuta stess lil Colin Aquilina fejn uriet id-dispjacir taghha kif kienet qed tigi trattata u cioe' li l-

working team igieghlha thossha 'six feet under'. Fil-fatt f'e-mail datata 21 ta' April 2011 esebita fl-atti a fol 79 hemm indikat li l-konvenuta kienet mugugha hafna u cio' nonostante lanqas ma thalliet tmur lura d-dar u darba ohra fit-3 ta' Mejju 2011 ukoll uriet id-dizappunt taghha ghal dak li kien qed jigri fir-rigward taghha fuq il-post tax-xoghol u li ghalhekk id-dirigenti tas-socjeta' attrici kienu konxji ta' dak li kien ghadej u cioe' li l-konvenuta ma kienitx kuntenta b'dak li kien ghaddej.

Bid-dokumentazzjoni esebita jirrizulta bic-car li l-konvenuta nghatat leave u dan bhala fatt ma giex kontestat minnha pero' ma jirrizultax l-attegjament li dwaru xehdet l-konvenuta u l-kundizzjoni ta' kif tinghata l-leave u meta in effetti tinghata wara li tkun saret it-talba apposita.

**M'hemmx dubju li huwa minnu li l-konvenuta kissret il-kuntratt tax-xoghol definit taghha pero' daqstant jirrizulta li hija telqet minhabba proprju dak li jissejjah *contructive dismissal* u dan ghaliex l-kundizzjonijiet imposti fuqha ma kienux ragjonevoli u dawk accettati fil-hajja lavorativa ta' bniedem normali u ghalhekk it-talba tas-socjeta' attrici sabiex din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallasha is-somma indikata fir-rikors qed tigi michuda u qieghda ghalhekk tilqa' l-eccezzjonijiet tal-istess konvenuta.**

**L-ispejjez huma a karigu tal-istess socjeta' attrici.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**